

Brussell, 22 ta' April 2021
(OR. en)

8085/21

COSI 65
ENFOPOL 143
CRIMORG 31
CYBER 105
ENFOCUSTOM 55
IXIM 71
CORDROGUE 17
CT 51
FRONT 149
CATS 29
COPEN 190
DROIPEN 78
JAIEX 46
JAI 422

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' April 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 170 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 170 final.

Mehmuż: COM(2021) 170 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.4.2021
COM(2021) 170 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025

{SWD(2021) 74 final}

Introduzzjoni

Moħbija mill-perspettiva pubblika minħabba n-natura opaka tal-attivitajiet tagħha, il-kriminalità organizzata hija theddida sinifikanti għaċ-ċittadini Ewropej, għan-negozji, għall-istituzzjonijiet tal-istat kif ukoll għall-ekonomija kollha kemm hi. Kif enfasizzat fl-aħħar **Valutazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar it-Theddida mill-Kriminalità Serja u Organizzata** (European Union Serious and Organised Crime Threat Assessment, 2021 EU SOCTA)¹, fl-Istati Membri kollha jeżistu gruppi kriminali organizzati. Ix-xenarju tal-kriminalità organizzata huwa kkaratterizzat minn ambjent f'network li fih il-kooperazzjoni bejn il-kriminali hija fluwida, sistematika u mmexxija minn punt fokali orjentat lejn il-profit. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata jużaw il-profitti illegali kbar tagħhom biex jinfiltraw l-ekonomija leċita u l-istituzzjonijiet pubbliċi, inkluż permezz tal-korruzzjoni, li jdgħajfu l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali u jdgħajfu d-dritt tan-nies għas-sikurezza kif ukoll il-fiduċja tagħhom fl-awtoritajiet pubbliċi. Id-dħul kriminali fid-disa' swieq kriminali ewlenin fl-Unjoni Ewropea ammonta għal EUR 139 biljun fl-2019², li jikkorrispondi għal 1 % tal-Prodott Domestiku Gross tal-Unjoni. Kif enfasizzat fl-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà³, l-azzjoni meħuda fil-livell tal-UE biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata trid titkompla u tissaħħaħ.

Il-kumplessità tal-mudell kummerċjali tal-gruppi tal-kriminalità organizzata kienet, b'mod partikolari, esposta fl-2020 fl-investigazzjoni konġunta, immexxija mill-awtoritajiet Franċiżi u Olandiżi bl-appoġġ tal-Europol u tal-Eurojust, biex iżarmaw l-**EncroChat**, network tat-telefown kriptat użat ħafna min-networks kriminali. Il-każ EncroChat sa issa wassal għal aktar minn 1,800 arrest u aktar minn 1,500 investigazzjoni ġdida. Barra minn hekk, hija wriet il-punt sa fejn il-gruppi tal-kriminalità organizzata joperaw b'mod transnazzjonali u online fis-swieq kriminali kollha f'ambjent f'network, bl-użu ta' modi operandi dejjem aktar sofistikati u ta' teknoloġiji ġodda. F'Marzu 2021, operazzjoni konġunta oħra wara l-intrużjoni abbużiva ta' Sky ECC, network kriptat li fih kienu emigraw ħafna utenti preċedenti ta' EncroChat, wasslet għall-prevenzjoni ta' aktar minn 70 inċident vjolenti, il-qbid ta' aktar minn 28 tunnellata ta' sustanzi ta' droga u l-arrest ta' aktar minn 80 suspettat involut fil-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-drogi fil-Belġju u fin-Netherlands. Tnedew aktar minn 400 investigazzjoni ġdida kontra gruppi tal-kriminalità organizzata b'riskju għoli.

¹ Europol, 2021 European Union Serious and Organised Crime Threat Assessment (EU SOCTA), it-12 ta' April 2021, <https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/european-union-serious-and-organised-crime-threat-assessment>. L-EU SOCTA hija analiżi komprensiva tat-theddid mill-kriminalità organizzata li tidentifika oqsma ta' kriminalità ta' prijetà għolja u li ssir kull erba' snin mill-Europol, abbażi tal-kontributi tal-Istati Membri.

² Drogi illeċiti, traffikar ta' bnedmin, kuntrabandu ta' migranti, frodi (frodi MTIC, ksur tal-IPR, frodi alimentari), kriminalità ambjentali (skart illeċitu u organiżmi selvaġġi illeċiti), armi tan-nar illeċiti, tabakk illeċitu, attivitajiet taċ-ċiberkriminalità, kriminalità organizzata kontra l-patrimonju — Study on Mapping the risk of serious and organised crime infiltration in legitimate businesses, Marzu 2021, DR0221244ENN, <https://data.europa.eu/doi/10.2837/64101>.

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà COM(2020) 605 final, 24.7.2020.

L-użu tal-vjolenza minn kriminali involuti fil-kriminalità organizzata qed jiżdied fl-UE, kif ukoll it-theddida minn inċidenti vjolenti minħabba l-użu frekwenti ta' armi tan-nar jew ta' splussivi fi spazji pubbliċi⁴. L-aġilità li biha l-gruppi tal-kriminalità organizzata jadattaw u jisfruttaw il-bidliet fl-ambjent li joperaw fih, ġiet ikkonfermata matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-gruppi kriminali sfruttaw il-pandemija biex jespandu l-attivitàjiet tal-kriminalità online⁵ u biex jinvolvu ruħhom fi frodi inkluż fi prodotti mediċinali ffalsifikati. Id-domanda għolja sostnuta għat-tilqim tal-Covid-19 twassal għal insewiment attraenti għall-kriminali li jfittxu li jinvolvu ruħhom fil-produzzjoni u l-provvista ta' vaċċini ffalsifikati jew fi skemi ta' frodi mmirati lejn individwi jew awtoritajiet pubbliċi. Sa issa l-gvernijiet tal-UE identifkaw tentattivi ta' ingann u ta' offerti foloz minn frodaturi li ppruvaw ibigħu aktar minn 1,1 biljun doċa ta' tilqim għal prezz totali ta' aktar minn EUR 15,4 biljun⁶. Il-kriżi ekonomika li rriżultat mill-pandemija żżid ir-riskji tal-attivitàjiet tal-kriminalità organizzata u li dawn ikomplu jinfiltraw is-soċjetà u l-ekonomija.

It-theddid transnazzjonali u l-modi operandi li qed jevolvu tal-gruppi tal-kriminalità organizzata li joperaw offline u online jirrikjedu rispons ikkoordinat, aktar immirat u adattat. Filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali li joperaw fuq il-post huma fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni u s-sħubijiet globali huma ta' importanza kbira biex jiżguraw kooperazzjoni effettiva kif ukoll skambju ta' informazzjoni u għarfien fost l-awtoritajiet nazzjonali, appoġġati minn qafas komuni tal-liġi kriminali u mezzi finanzjarji effettivi. Barra minn hekk, il-Kriminalità Organizzata hija emblematika tar-rabta bejn is-sigurtà interna u esterna. L-involviment internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, inklużi passi ulterjuri biex jiġu żviluppati sħubijiet u kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-viċinat immedjat u lil hinn minnu, huwa meħtieġ biex tiġi indirizzata din l-isfida transnazzjonali.

Kemm il-Parlament Ewropew⁷ kif ukoll il-Kunsill⁸ saħqu li l-kriminalità organizzata tikkawża ħsara enormi u enfasizzaw l-importanza ta' azzjoni qawwija min-naħa tal-UE biex tiġġieled kull forma ta' attività kriminali organizzata.

Din l-Istrateġija tibni fuq il-kisbiet tal-passat, tidentifika linji ta' ħidma ta' prijarità biex tipproteġi aħjar liċ-ċittadini u lill-ekonomija minn gruppi ta' kriminalità organizzata u tressaq azzjonijiet konkreti fuq terminu medju u fit-tul, li se jiġu żviluppati b'rispett sħiħ tad-drittijiet

⁴ Europol, 2021 EU Serious and Organised Threat Assessment Report (EU SOCTA), it-12 ta' April 2021, <https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/european-union-serious-and-organised-crime-threat-assessment>.

⁵ F'operazzjoni internazzjonali appoġġata mill-Europol u mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) bejn Marzu u Diċembru 2020, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' 19-il Stat Membru u tmien pajjiżi terzi qabdu kważi 33 miljun apparat mediku falz, inklużi maskri tal-wiċċ, testijiet u kits għad-dijanjożi, tmien tunnelli ta' materja prima u 70 000 litru ta' sanitizzaturi tal-iġjene.

⁶ Informazzjoni rrapportata mill-awtoritajiet governattivi lill-OLAF. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi flimkien mal-Europol u l-OLAF qed jikkoooperaw biex ifixxlu dawn it-tentattivi ta' frodi.

⁷ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0378_MT.html. F'Ottubru 2016, il-Parlament Ewropew adotta wkoll rapport li jiffoka speċifikament fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-8-2016-0284_MT.pdf.

⁸ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija, 13083/1/20 REV 1, l-24 ta' Novembru 2020.

fundamentali. Hija tikkostitwixxi l-ewwel Strateġija ddedikata dwar il-kriminalità organizzata mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona⁹.

1. It-tisħiħ tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja

Il-kriminalità organizzata tal-lum hija intrapriża internazzjonali. 65 % tal-gruppi kriminali attivi fl-Istati Membri tal-UE huma magħmula minn membri ta' nazzjonalitajiet multipli¹⁰. Irrotot tat-trasport ta' drogi, armi tan-nar jew prodotti ffalsifikati huma mifruxa tul il-kontinenti kollha permezz ta' katina tal-provvista globali. Il-gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata involuti fil-kriminalità organizzata tal-proprjetà jaqsmu mingħajr dewmien minn ġurisdizzjoni għal oħra biex iwettqu r-reati tagħhom. Billi joperaw f'ġurisdizzjonijiet differenti, il-gruppi kriminali jevitaw li jiġu identifikati u jisfruttaw id-differenzi tal-liġijiet nazzjonali applikabbli.

1.1. Skambju bla xkiel tal-informazzjoni u aċċess f'waqtu għaliha

F'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li fiha ma jkunx hemm kontrolli fil-fruntieri interni, jista' jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà permezz ta' kooperazzjoni robusta tal-pulizija u dik ġudizzjarja madwar l-Istati Membri. L-aċċess f'waqtu għall-informazzjoni, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari l-protezzjoni tad-*data*, huwa essenzjali għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' kriminalità organizzata. L-Unjoni Ewropea pprovdiet lill-infurzar tal-liġi b'firxa wiesgħa ta' għodod biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni li wera li huwa kruċjali biex jinkixfu l-attivitajiet u n-networks kriminali.

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) ippermettiet lill-uffiċjali l-aktar esposti li jidentifikaw u jillocalizzaw mingħajr dewmien persuni u oġġetti involuti fil-kriminalità organizzata u biex jieħdu azzjoni kif xieraq. L-informazzjoni f'din il-bażi tad-*data* kondiviżta tista' tgħin lill-uffiċjali jarrestaw persuna, jissekwestraw oġġett jew jistabilixxu l-movimenti ta' vjaġġar ta' persuni involuti f'investigazzjoni. Fl-2020 biss, saru kważi erba' biljun tfittxija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen li rriżultaw f'aktar minn 200,000 hit. Ir-rieżami tal-2018 tal-qafas tas-SIS¹¹ saħħaħ b'mod konsiderevoli l-funzjonalitajiet tas-sistema u

⁹ Il-kriminalità organizzata baqgħet prijorità tal-UE sa minn nofs is-snin disgħin (1990s), kif muri fil-Programm ta' Tampere (li nieda l-ewwel objettivi strateġiċi pluriennali tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-programmi pluriennali sussegwenti dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, bħall-Programm tal-Aja tal-2004, il-Programm ta' Stokkolma tal-2009, l-Aġenda 2015 tal-UE dwar is-Sigurtà, u l-Istrateġija 2020 tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE adottata dan l-aħħar. L-aħħar strateġija ddedikata dwar il-kriminalità organizzata tmur lura għall-2005, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52005DC0232&from=EN>.

¹⁰ Europol, 2021 EU Serious and Organised Threat Assessment Report (EU SOCTA), it-12 ta' April 2021 <https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/european-union-serious-and-organised-crime-threat-assessment>.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali, ĠU L 312, 7.12.2018, ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 312, 7.12.2018, u r-Regolament 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-

introduċa għadd ta' għodod ġodda, li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jdaħħlu allerti dwar persuni f'riskju ta' ħtif jew traffikar ta' bnedmin jew jitolbu kontrolli ta' investigazzjoni ta' persuni suspettati. Ir-riforma tagħti wkoll aċċess lill-Europol għall-allerti tas-SIS u għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari u tagħmel użu aktar effettiv ta' *data* bijometrika, billi tintroduċi l-possibbiltà li jintużaw immaġnijiet tal-wiċċ għal finijiet ta' identifikazzjoni u li jiġu inklużi profili tad-DNA biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' persuni neqsin. L-implimentazzjoni ta' dawn in-novitajiet miexja 'l quddiem b'ritmu mgħaġġel sabiex is-sistema l-għdida tkun kompletament operattiva sa tmiem l-2021, bl-atti ta' implimentazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika kkompletati, bil-ħidma fl-iżvilupp tekniku tas-SIS għaddejja sew u bl-ewwel passi meħuda biex jiġi żviluppat manwal tas-SIS u attivitajiet ta' taħriġ għall-utenti tas-SIS.

Il-potenzjal tas-SIS fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata se jkompli jissaħħaħ permezz tal-qafas il-għdid għall-**interoperabbiltà** bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni¹². Huwa kruċjali li l-isforzi kollha jiġu ddedikati biex tinkiseb interoperabbiltà sħiħa sa tmiem l-2023. Dan se jiffaċilita l-aċċess tal-infurzar tal-liġi għal informazzjoni rilevanti fis-sistemi ta' informazzjoni ċentralizzati tal-UE u jippermetti d-detezzjoni ta' identitajiet multipli, essenzjali fil-ġlieda kontra l-frodi tal-identità li spiss tintuża mill-kriminali biex iwettqu reati jew jaħarbu mill-ġustizzja. Fil-qafas tal-interoperabbiltà, qed tiġi żviluppata funzjonalità ta' **detettur ta' identitajiet multipli** li, billi tivverifika d-*data* fost dawn is-sistemi, se tgħin biex jiġi indirizzat b'mod effettiv l-użu frodulenti tal-identitajiet.

L-investigaturi li jaħdmu b'mod iżolat fi Stat Membru wieħed ta' spiss ma jkunux jistgħu jistabbilixxu l-involvement ta' grupp tal-kriminalità organizzata wara reat speċifiku. Il-qafas ta' **Prüm** tal-2008¹³ jippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, matul l-investigazzjonijiet tagħhom, li jfittxu d-DNA u l-marki tas-swaba' fil-bażijiet tad-*data* ta' Stati Membri oħra fuq bażi ta' hit-no-hit permezz ta' konnessjonijiet bilaterali, u li jfittxu *data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Filwaqt li l-qafas ta' Prüm wera li huwa strumentali biex jissolvew ħafna reati fl-Ewropa, in-natura deċentralizzata tiegħu wasslet biex ħafna konnessjonijiet bilaterali bejn il-bażijiet tad-*data* nazzjonali tal-Istati Membri ma ġewx stabbiliti minħabba l-kumplessità

Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jgħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE, OJ L 312, 7.12.2018.

¹² Il-qafas tal-interoperabbiltà jkopri s-SIS, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), il-Eurodac, is-Sistema ta' Dħul u Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN). Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, u r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019.

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ĠU L 210, 6.8.2008.

teknika u r-riżorsi finanzjarji u umani importanti involuti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet jistgħu jieħdu ġimgħat jew saħansitra xhur biex jikkondividu d-*data* personali wara hit. Biex ittejjeb l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet kriminali u ssaħħaħ l-iskambju awtomatizzat ta' informazzjoni dwar il-kriminali, il-Kummissjoni se tipproponi li timmodernizza **l-qafas ta' Prüm biex tindirizza l-ħtiġijiet operazzjonali** tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, f'konformità mad-drittijiet fundamentali u r-rekwiżiti tan-neċessità u tal-proporzjonalità, u biex tallinja d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* mad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi¹⁴. Il-Kummissjoni qed tesplora għażliet biex tiżgura l-konnessjoni ta' bażijiet ta' *data* rilevanti bejn l-Istati Membri kollha u biex **tħaffef l-iskambju ta' informazzjoni** wara hit. Il-Kummissjoni qed tivvaluta wkoll il-ħtieġa li jiġu skambjati **kategoriji ta' data addizzjonali** rilevanti għall-investigazzjonijiet kriminali, bħal immaġnijiet tal-wiċċ, liċenzji tas-sewqan, rekords tal-pulizija u ballistiċi, taħt il-qafas ta' Prüm, u li l-Europol jiżdied bħala sieħeb ġdid f'dan il-qafas.

Minħabba d-dimensjoni transfruntiera u internazzjonali tal-kriminalità organizzata, **l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar** hija essenzjali biex jiġu identifikati vjaġġaturi b'riskju għoli li b'mod ieħor ma jkunux magħrufa mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u biex jiġu stabbiliti rabtiet bejn il-membri ta' gruppi kriminali. L-ipproċessar tad-*data* tar-**Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)** jassisti lill-awtoritajiet rilevanti fl-identifikazzjoni ta' persuni involuti f'attivitajiet kriminali mwettqa minn gruppi organizzati. Sabiex jiġi żgurat li din l-għodda tintuża fil-potenzjal sħiħ tagħha, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-Direttiva dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri¹⁵ u tappoġġa l-kooperazzjoni u l-iskambju tad-*data* tal-PNR bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari bl-iskambju tal-aħjar prattiki, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet meħtieġa¹⁶. **L-Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (API)**, id-*data* bijografika tal-passiġġieri miġbura mit-trasportaturi bl-ajru matul iċ-check-in, hija ta' valur daqstant ieħor¹⁷, anki minħabba l-komplementarjetà tagħha mad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri. Reviżjoni tal-qafas legali attwali¹⁸ tippermetti varjetà ta' titjib, b'mod partikolari dwar il-preċiżjoni tad-*data* u l-kompletezza tad-*data*. Aktar importanti minn hekk, il-Kummissjoni se tanalizza l-użu

¹⁴ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016.

¹⁵ Id-Direttiva 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, ĠU L 119, 4.5.2016.

¹⁶ Bħal dawk imsemmija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja r-Rapport tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-PNR, SWD (2020) 128 final, 24.7.2020, pp. 7–8.

¹⁷ It-talbiet ripetuti għal użu akbar ta' informazzjoni avvanzata dwar il-passiġġieri min-Nazzjonijiet Uniti - ara UNSCR 2178 (2014), UNSCR 2309 (2016), UNSCR 2482 (2019), u l-impenn mill-istati parteċipanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa biex jistabbilixxu sistemi avvanzati ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri, jikkonfermaw l-importanza ta' din id-*data*. Barra minn hekk, minn Frar 2018, l-istabbiliment ta' sistemi nazzjonali ta' informazzjoni avvanzata huwa standard tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li jagħmilha obbligatorja għall-Istati kontraenti kollha għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

¹⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw *data* dwar il-passiġġieri, ĠU L 261, 6.8.2004 ("id-Direttiva dwar l-Informazzjoni Avvanzata dwar il-Passiġġieri" jew "id-Direttiva API").

potenzjali tad-*data* tal-API biex tftitex b'mod sistematiku d-*data* tal-Europol għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u possibbilment testendi l-użu tagħha għall-movimenti intra-Schengen u għat-trasportaturi u l-kowċis tat-trasport fuq l-ilma. B'dan l-oġġettiv, il-Kummissjoni se tagħmel proposta biex tirrevedi d-Direttiva dwar l-Infurmazzjoni Avanzata dwar il-Passiġġieri fl-ewwel nofs tal-2022, abbażi ta' Valutazzjoni tal-Impatt li fiha l-għażliet ta' hawn fuq u l-impatti tagħha se jiġu esplorati aktar.

1.2. Oqfsa ta' kooperazzjoni avanzata

Il-partijiet ewlenin tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi madwar l-UE huma bbażati fuq il-Konvenzjoni tal-1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen. Dan il-pedament huwa kkomplementat minn strumenti oħra tal-UE, bħalma huma d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' infurmazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll il-kapitoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (id-Deċiżjoni ta' Prüm).

L-Istati Membri kkomplementaw dan il-qafas b'sett kumpless ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali. B'konsegwenza ta' dan, il-livell ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri mhuwiex uniformi, u dan jgħod li operazzjonali li jipprevjenu l-kooperazzjoni transfruntiera effettiva.

Il-Kummissjoni se tħejji proposta leġislattiva għal **Kodiċi ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija tal-UE**. Dan se jibbaża fuq ir-riżultati ta' studju estern li għaddej bħalissa u se jkun ibbażat fuq proċess ta' konsultazzjoni bir-reqqa, filwaqt li titqies il-kompetenza tal-Istati Membri. L-għan huwa li jiġu ssimplifikati u żviluppati d-diversi strumenti għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi inklużi il-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, il-linji gwida tal-Kunsill, u l-prattiki tajba tal-Istati Membri minn ftehimiet bilaterali u multilaterali f'għabra ta' regoli koerenti u moderni li jkopru wkoll l-għodod investigattivi.

Barra minn hekk, sabiex jiġu indirizzati l-ostakli potenzjali f'dak kollu li jirrigwarda l-kooperazzjoni transfruntiera speċifikament kontra l-istrutturi tal-kriminalità organizzata, il-Kummissjoni nediet studju estern biex tivvaluta jekk id-**Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-2008 dwar il-Kriminalità Organizzata**¹⁹ għadhiex adattata għall-iskop tagħha.

L-**Europol** għandu rwol importanti bħala **ċ-ċentru ta' infurmazzjoni kriminali tal-UE**, billi jappoġġa l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-iskambju ta' infurmazzjoni u jipproduċi kull erba' snin ir-rapport dwar il-**Valutazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar it-Theddida mill-Kriminalità Serja u Organizzata** (EU SOCTA)²⁰. Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet

¹⁹ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 300, 11.11.2008.

²⁰ L-EU SOCTA tiġi prodotta kull erba' snin mill-Europol, abbażi ta' kontribut estensiv ipprovdut mill-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Hija tidentifika t-theddid ewlieni tal-kriminalità fl-UE u tipproponi l-prijoritajiet tal-UE dwar il-kriminalità għall-erba' snin li ġejjin. L-EU SOCTA hija l-ewwel pass ta'

operazzjonali urġenti, bħall-kooperazzjoni ma' partijiet privati jew l-ipproċessar ta' settijiet kbar ta' *data*, f'Diċembru 2020 il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħa il-mandat tal-Europol²¹. Il-kompetenzi u l-għodod il-ġodda previsti fil-proposta se jippermettu lill-Europol iżid l-appoġġ tiegħu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill qed jaħdmu fuq il-mandati tagħhom għan-negozjati interistituzzjonali li għejjin li huma mistennija li jibdwu aktar tard din is-sena. Il-Kummissjoni se tiffaċilita n-negozjati u timmira lejn ftehim rapidu mill-koleġislaturi sa tmiem l-2021.

Waħda mill-għodod ewlenin biex tiġi implimentata l-Istrateġija attwali u biex jiżdiedu l-isforzi kontra l-istrutturi tal-kriminalità organizzata permezz ta' operazzjonijiet ikkoordinati hija l-**Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats, EMPACT)**. Mill-2010, l-EMPACT tippermetti lill-Istati Membri jidentifikaw it-theddid ta' kriminalità prijoritarja tal-UE fejn hija meħtieġa azzjoni kollettiva²² u biex jindirizzaw dan it-theddid kriminali permezz ta' kooperazzjoni strutturata fil-livell tal-UE bejn l-infurzar tal-liġi, id-dwana, l-awtoritajiet tat-taxxa, il-maġistrati, l-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji Ewropej u, fejn rilevanti, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-settur privat²³.

Permezz tal-EMPACT, l-Istati Membri u s-sħab tagħhom iwettqu aktar minn **200 azzjoni operazzjonali konġunta kull sena**, immirati lejn il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, pereżempju l-iżvilupp ta' stampa tal-intelligence kriminali dwar il-prijoritajiet tal-kriminalità tal-UE, il-bini tal-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi biex jiġu mmirati reati speċifiċi, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali, it-twettiq ta' attivitajiet ta' prevenzjoni, l-investigazzjonijiet konġunti kontra fenomeni speċifiċi ta' kriminalità jew gruppi kriminali speċifiċi, u l-indirizzar tal-metodi ta' dawn il-gruppi kriminali għall-ħasil tal-flus, għat-twettiq ta' reati online jew għall-kisba ta' dokumenti frodulent. Għalkemm l-EMPACT diġà tagħti riżultati operattivi sinifikanti, pereżempju f'termini ta' drogi maqbuda jew kriminali arrestati, bħalissa ma hijiex qed tintuża sal-potenzjal sħiħ tagħha. Il-komplessità tagħha, in-nuqqas ta' għarfien fost l-uffiċjali l-aktar esposti u l-finanzjament insuffiċjenti mhux dejjem jiżguraw is-sjeda u l-involviment attiv tal-Istati Membri u tas-sħab esterni, u jfixxlu l-iżvilupp ta'

kull ċiklu tal-EMPACT, u tintuża bħala bażi li fuqha l-Kunsill jadotta l-prijoritajiet tal-UE dwar il-kriminalità li wieħed irid jikkonċentra fuqhom fl-erba' snin li jkun imiss.

²¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol b'appoġġ għall-investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni, COM (2020) 796 final, u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tad-dħul ta' allerti mill-Europol, COM (2020) 791 final, id-9 ta' Diċembru 2020.

²² Għall-perjodu 2018-2021: l-Ċiberkriminalità, it-Traffikar tad-drogi, l-Iffaċilitar tal-immigrazzjoni illegali, il-Kriminalità organizzata kontra l-proprjetà, it-Traffikar tal-bnedmin (għall-forom kollha ta' sfruttament, inkluż l-isfruttament sesswali u tax-xogħol kif ukoll il-forom kollha ta' traffikar tat-tfal), il-frodi tas-Sisa u tal-MTIC, it-Traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, il-Kriminalità ambjentali, il-Finanzi kriminali u l-ħasil tal-flus u l-Frodi tad-dokumenti.

²³ l-“Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja” kien jintuża biex jiddefinixxi l-qafas ta' kooperazzjoni għall-istabbiliment ta' prijoritajiet komuni, filwaqt li “EMPACT” hija l-pjattaforma operazzjonali li tippermetti l-kooperazzjoni bejn il-prattikanti. “EMPACT” issa saret l-uniku isem li jindika ż-żewġ kunċetti.

operazzjonijiet aktar kumplessi li jagħmlu ħsara aktar sinifikanti lill-gruppi tal-kriminalità organizzata.

Il-Kummissjoni se taħdem, flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-EMPACT biex tistabbilixxi għadd ta' miżuri, deskritti fid-dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din l-Istrateġija, sabiex tuża l-potenzjal sħiħ tal-EMPACT, u tibdilha fi strument tassew ewlieni tal-UE għall-**kooperazzjoni operattiva multidixxiplinari u b'diversi aġenziji** fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll il-fattibbiltà li l-mekkaniżmu tal-EMPACT jiddaħħal fil-leġislazzjoni tal-UE. Dan jistabbilixxi bis-sħiħ lill-EMPACT bħala strument ewlieni tal-UE għall-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE biex jikkooperaw b'mod operattiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja. Dan jagħmel lill-EMPACT il-vettur permanenti tal-kooperazzjoni strutturali bejn l-istrateġiji u l-azzjonijiet kriminali Ewropej u nazzjonali, b'metodoloġija u approċċ armonizzati, bħala pedament legali għal sħubijiet konġunti *ad hoc* ibbażati fuq il-ħtiġijiet operazzjonali. Il-Kummissjoni se tfitteż ukoll li ssaħħaħ b'mod sinifikanti l-finanzjament tal-EMPACT, biex din tkun tista' tiżviluppa operazzjonijiet aktar kumplessi. Il-Kummissjoni se tesplora wkoll, flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, il-possibbiltà li l-EMPACT attwali tiġi ssimplifikata fuq erba' pilastri modernizzati u aġġornati²⁴, ikkomplementati minn prinċipji ta' gwida kontra l-kriminalità organizzata. Barra minn hekk, se jkollha l-għan li żżid ir-rwol tan-networks Ewropej u tal-gruppi ta' esperti fl-appoġġ tal-azzjonijiet tal-EMPACT. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, se tippromwovi ż-żieda fl-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-attivitajiet tal-EMPACT, u se tippromwovi l-iżvilupp tal-metodoloġija tal-EMPACT barra mill-UE, imfassla għall-ħtiġijiet operazzjonali.

Sabiex il-kriminali jitressqu quddiem il-ġustizzja, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jeħtieġ li jaħdmu id f'id: rispons effettiv għall-kriminalità organizzata jeħtieġ aktar passi biex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Konklużjonijiet tal-Parlament²⁵ u tal-Kunsill²⁶ jirrikjedu titjib tat-tħaddim Prattiku tal-**Mandat ta' Arrest Ewropew**²⁷. Il-Kummissjoni għalhekk qed tinforza l-implimentazzjoni korretta, wara r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew²⁸, u se tipprovdi gwida f'manwal aġġornat.

Barra minn hekk, sabiex jiġu evitati investigazzjonijiet paralleli dwar dawk il-kriminali li joperaw f'diversi ġurisdizzjonijiet, jistgħu jkunu meħtieġa regoli komuni biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrasferixxu l-proċedimenti kriminali lejn Stat Membru ieħor, pereżempju l-

²⁴ Is-sekwenza rinnovata ta' erba' pilastri: 1/ nosservaw, nidentifikaw u norjentaw. 2/ niddeċiedu u nippjanaw flimkien. 3/ niġġieldu, nipprevjenu u nxejnklu, 4/ inżommu, nitgħallmu u nirrepetu.

²⁵ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0006_MT.html.

²⁶ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13214-2020-INIT/mt/pdf>.

²⁷ Ara l-Manwal dwar kif toħroġ u tesegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, ĠU C 335, 6.10.2017: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52017XC1006\(02\)&from=DA](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52017XC1006(02)&from=DA).

²⁸ Ir-Rapport tat-2 ta' Lulju 2020 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, COM(2020)270 final, 2.7.2020.

Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna suspettata, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-Deċiżjoni Qafas għall-prevenzjoni ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni²⁹. Il-Kummissjoni bħalissa qed tkompli tistudja din il-kwistjoni biex tesplora l-ħtieġa għal azzjoni tal-UE f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni qed tħares ukoll lejn il-problemi li jinqalgħu fir-rigward tal-ġbir, it-trasferiment u l-użu ta' evidenza fi proċedimenti transfruntiera u modi possibbli 'l quddiem³⁰.

Il-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fl-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta huma essenzjali u l-Kummissjoni għalhekk se taħdem biex tiżviluppa pjattaforma ta' kollaborazzjoni għall-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta u biex tħaffef il-kooperazzjoni tal-Eurojust mal-pajjiżi terzi. Barra minn hekk, kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-UE³¹, sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta li tippermetti l-komunikazzjoni elettronika sigura u l-iskambju ta' informazzjoni u dokumenti bejn il-qrati, l-awtoritajiet nazzjonali, u l-aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni fejn rilevanti. Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll il-modernizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust biex tgħin lill-Eurojust jipprovdi feedback lill-awtoritajiet nazzjonali u jiżviluppa rabtiet ġudizzjarji bejn l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin. Jenħtieġ li dan jippermetti lill-Eurojust jaħdem b'mod effiċjenti mas-sħab tiegħu, b'mod partikolari mal-Europol u mal-UPPE, filwaqt li jgħin fil-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet fil-livell nazzjonali u jevita investigazzjonijiet paralleli bil-għan li jiżgura prosekuzzjonijiet effettivi.

1.3. Il-kooperazzjoni internazzjonali

Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi lil hinn mill-Unjoni hija meħtieġa biex tħarbat in-networks kriminali globali u r-rotot tat-trasport. Huwa essenzjali li tiżdied il-kooperazzjoni internazzjonali inkluż permezz tal-attivitajiet tal-aġenziji rilevanti tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, b'mod partikolari fir-rigward tal-pajjiżi tal-viċinat u tat-tkabbir.

Hemm ħtieġa urġenti li tiġi żviluppata aktar l-intelligence dwar il-kriminalità serja u organizzata fl-Europol u li jissaħħu l-iskambju ta' informazzjoni u l-azzjonijiet investigattivi ma' pajjiżi u reġjuni terzi li jikkostitwixxu ċentri ewlenin għall-kriminalità organizzata b'riskju għoli li taffettwa lill-Istati Membri tal-UE, inkluż permezz tal-Uffiċjali ta' Kollegament bilaterali tal-Istati Membri ssekondati għal dawn l-oqsma kritiċi. Il-Kummissjoni rċeviet direttivi għan-negożjar ta' ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi biex tiskambja *data* personali mal-Europol³² u biex tippermetti l-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Eurojust³³ u se tistinka biex tagħmel progress f'dawn in-negożjati diffiċli.

Barra minn hekk, il-programmi u l-proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-UE huma rilevanti biex jinbnew networks transkontinentali tal-infurzar tal-liġi u tal-ġustizzja kriminali.

²⁹ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU L 328, 15.12.2009.

³⁰ F'Marzu 2020 tnedja l-istudju "Cross-border use of evidence".

³¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea – Strumentarju ta' opportunitajiet, COM(2020) 710 final, 2.12.2020.

³² L-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija, it-Turkija u New Zealand.

³³ L-Alġerija, l-Arġentina, l-Armenja, il-Bożnija-Herzegovina, il-Brażil, il-Kolombja, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija.

L-appoġġ tal-Kummissjoni għal networks bħal dawn u għal operazzjonijiet konġunti se jkompli jespandi.

L-approċċ tal-UE għas-sigurtà esterna fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni se jibqa' komponent essenzjali tal-isforzi tal-UE biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata sabiex tissaħħaħ l-istabbiltà u jiġu protetti l-interessi tas-sigurtà Ewropej. Ir-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President, appoġġat mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, se jkompli jkollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, billi jagħmel użu sħiħ mill-għodod esterni tiegħu, bħad-Djalogi ta' Livell Għoli, in-network ta' esperti fil-Ġlieda kontra t-Terroriżmu/esperti tas-Sigurtà fid-Delegazzjonijiet tal-UE u, fejn rilevanti, fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna se jkomplu jagħtu prijorità lill-proġetti ta' bini tal-kapaċità f'pajjiżi terzi u b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-viċinat u tat-tkabbir, kemm biex jappoġġaw il-kooperazzjoni operazzjonali mal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE kif ukoll biex is-sħab jiġu mġammra bl-għodod li jippermettulhom li jgħamlu strutturi kriminali kumplessi li potenzjalment jaffettwaw lill-UE.

L-Interpol hija attur ewlieni ieħor f'dak li għandu x'jaqsa mal-kooperazzjoni internazzjonali kontra l-kriminalità organizzata. It-18-il bażi ta' *data* tal-Interpol fihom aktar minn 100 miljun rekord tal-infurzar tal-liġi, inklużi dwar kriminali mfittxija, terroristi suspettati, marki tas-swaba', vetturi misruqa, dokumenti tal-ivvjaġġar misruqa u mitlufa, armi u armi tan-nar. Dawn il-bażijiet ta' *data* jippermettu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jidentifikaw ir-rabtiet u b'hekk jiffaċilitaw l-investigazzjonijiet kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali. Flimkien ma' din l-Istrateġija, il-Kummissjoni qed tadotta **rakkomandazzjoni lill-Kunsill biex jinfetħu negozjati mal-Interpol** dwar ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Interpol sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet operazzjonali.

L-istrument internazzjonali ewlieni li jippermetti l-kooperazzjoni u l-assistenza legali reċiproka fl-investigazzjonijiet tal-kriminalità organizzata huwa l-**Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali** (UNTOC), li l-UE u l-Istati Membri huma parti għalihom. Fl-2021, il-Kummissjoni se taġġorna d-dikjarazzjoni ta' kompetenza biex iġġibha konformi mal-bidliet fit-Trattat ta' Lisbona³⁴ u biex tiżgura li l-**Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew** (UPPE) ikun jista' jagħmel użu mir-regoli tal-UNTOC dwar l-assistenza legali reċiproka internazzjonali biex jikkoopera mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li tinnotifika lill-UPPE bħala awtorità responsabbli fil-kuntest ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni eżistenti fil-livell tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi u, fejn meħtieġ, se tikkunsidra li tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi ta' prijorità magħżula. Kif espress fid-Dikjarazzjoni ta' Kjoto adottata fl-14-il Kungress tan-NU

³⁴ Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009 u t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni għal dawk li kienu strumenti tat-tielet pilastru fl-1 ta' Diċembru 2014 biddlu l-limiti tas-setgħat tal-UE rilevanti għall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. L-UE kisbet kompetenzi ġodda taħt it-Titolu V tat-TFUE (l-Artikoli 82 u 83), u eżerċitat il-kompetenza tagħha billi llegeżlat f'oqsma ta' politika rilevanti. Barra minn hekk, il-proċess ta' revizzjoni tal-UNTOC jenħtieġ li jkun ibbażat fuq dikjarazzjoni aġġornata tal-kompetenza.

dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali, l-Unjoni u l-Istati Membri huma impenjati bis-sħiħ biex isaħħu l-qafas internazzjonali li jippromwovi l-istat tad-dritt, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġustizzja kriminali, inkluż permezz ta' impenn attiv fil-proċessi ta' rieżami tal-implimentazzjoni tal-UNTOC li għaddejjin bħalissa u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC).

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tipproponi li ssaħħa **il-qafas ta' Prüm** (Q4 2021);
- Tipproponi l-ħolqien ta' **Kodiċi tal-UE ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija** (Q4 2021);
- Tipproponi r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-**Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri** (Q1 2022);
- Tistabbilixxi **pjattaforma ta' kollaborazzjoni** għal Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (Q4 2021);
- Taħdem mal-partijiet interessati rilevanti kollha, biex **tissimplifika, tespandi u timmodernizza** l-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) u tistabbilixxiha bħala **l-istrument ewlieni tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja** permezz ta' sett ta' azzjonijiet u proposta leġislattiva (2023);
- **Issaħħa il-finanzjament** b'mod sinifikanti għall-EMPACT permezz tal-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2021–2027;
- Tibda n-negozjati għal ftehimiet dwar il-**kooperazzjoni** bejn l-**Eurojust** u l-pajjiżi terzi;
- Tħaffef in-negozjati dwar il-kooperazzjoni bejn l-**Europol** u l-pajjiżi terzi;
- Issaħħa, b'mod konġunt flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-**kooperazzjoni internazzjonali** ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mħeġġa biex:

- Javvanzaw fin-negozjati leġislattivi fir-rigward tar-**Reviżjoni tar-Regolament tal-Europol**, inklużi l-emendi għar-Regolament dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, bil-għan li jintlaħaq **ftehim rapidu**.

Il-Kunsill huwa mistieden:

- Jadotta r-rakkomandazzjoni biex jinfetħu n-negozjati mal-**Interpol** dwar ftehim ta' kooperazzjoni UE-Interpol.

2. Investigazzjonijiet effettivi: it-tkissir tal-istrutturi tal-kriminalità organizzata u l-indirizzar ta' reati ta' prijorità għolja

2.1. Żieda fl-isforzi biex jiġu indirizzati l-istrutturi tal-kriminalità organizzata

Jenħtieġ li l-fokus fuq l-investigazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi ma jiqafx mal-qbid ta' oġġetti illegali jew mal-arrest ta' kriminali ta' livell baxx, iżda jimmira lejn atturi u networks li huma s-sinsla tal-ekosistemi kriminali.

Bil-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet kriminali strutturati madwar grupp ewlieni jew b'mod ġerarkiku³⁵, ix-xenarju tal-kriminalità organizzata huwa kkaratterizzat minn ambjent f'network li fih gruppi u individwi differenti jikkooperaw sistematikament permezz ta' "impriżi konġunti" f'networks kriminali laxki u fluwidi. L-organizzazzjonijiet kriminali li jorganizzaw il-ktajjen tal-provvista fis-swieq kriminali internazzjonali jikkooperaw ma' gruppi iżgħar speċjalizzati f'ċerti attivitajiet u ma' individwi fi rwoli ċentrali li jipprovdu servizzi lill-kriminali bħall-frodi tad-dokumenti, pariri legali, komunikazzjonijiet kriptati jew trasport. Il-kapaċità tal-gruppi kriminali li jgħaqqdu lil xulxin iddgħajef l-isforzi tal-infurzar tal-liġi, peress li kull parti tal-katina kriminali tista' faċilment tiġi sostitwita f'każ ta' intervent fl-infurzar tal-liġi.

Kontra dan ix-xenarju, huwa kruċjali li jiżdied iż-**żarmar tal-istrutturi tal-kriminalità organizzata**, immirati lejn daww il-gruppi li huma ta' riskju akbar għas-sigurtà tal-Ewropa u l-individwi fl-ogħla livelli tal-organizzazzjonijiet kriminali. Għal dan il-għan, xi Stati Membri stabbilew strutturi fil-livell nazzjonali jew korpi speċjalizzati fl-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura kontra organizzazzjonijiet tat-tip mafjuż. Dawn l-esperjenzi wrew li huma effettivi fit-tħeġġiġ ta' approċċ strateġiku li jippromwovi l-isforzi li jwasslu għat-tfixkil tal-infrastrutturi kriminali. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' unitajiet tal-pulizija jew korpi ġudizzjarji ddedikati jiffaċilita kooperazzjoni transfruntiera akbar. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki biex tiffaċilita r-replikazzjoni ta' mudelli bħal dawn madwar l-Istati Membri, adattati għall-ispeċifitajiet nazzjonali.

Fil-livell Ewropew, il-kooperazzjoni operazzjonali kontra gruppi tal-kriminalità organizzata tat-tip mafjuż imwettqa permezz tan-**Network @ ON**³⁶ tiffaċilita l-iskjerament fuq il-post ta' investigaturi speċjalizzati madwar l-Istati Membri biex jassistu fl-investigazzjonijiet ta' gruppi ta' kriminalità organizzata transfruntiera. Pass importanti ieħor huwa l-ħidma mwettqa mill-Europol flimkien mal-Istati Membri biex jidentifikaw u jwettqu attivitajiet investigattivi u ta' intelligence kontra **Miri ta' Valur Għoli**³⁷ magħżula, jiġifieri membri suspettati ta' organizzazzjonijiet kriminali li huma ta' riskju partikolarment għoli għal żewġ Stati Membri jew aktar.

Biex tiżdied l-azzjoni kontra l-organizzazzjonijiet kriminali, hemm bżonn kbir ta' aktar kooperazzjoni strutturali. L-iżvilupp ta' **kriterji komuni** għall-Istati Membri kollha biex **jidentifikaw Miri ta' Valur Għoli** u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni operazzjonali f'ħin reali flimkien mal-iskambju ta' informazzjoni jippermettu aktar investigazzjonijiet konġunti u sistematiċi fuq daww il-persuni li għandhom rwol ewlieni f'network kriminali. Jenħtieġ li n-

³⁵ Skont ir-rapport tal-2021 tal-EU SOCTA, 43 % tal-gruppi tal-kriminalità organizzata huma strutturati madwar grupp ewlieni, 40 % huma strutturati b'mod ġerarkiku u 17 % huma networks laxki.

³⁶ Bħalissa 16-il Stat Membru jipparteċipaw fin-**Network @ ON** li ilu jeżisti mill-2014.

³⁷ Mill-2018, din l-inizjattiva wasslet għall-arrest ta' 75 Mira ta' Valur Għoli u 2529 mill-assoċjati tagħhom, u għas-sekwestru ta' assi b'valur ta' EUR 310 miljun.

network attwali @ ON jissaħħa billi jiġu inkorporati l-Istati Membri kollha u jiġu zviluppatti l-aħjar prattiki, kif ukoll permezz ta' rabta eqreb mal-EMPACT fil-ħidma tagħha kontra n-networks kriminali.

Enfasi akbar fuq l-investigazzjonijiet tal-kriminalità organizzata teħtieġ ukoll **stampa ta' intelligence** aktar robusta **tal-gruppi tal-kriminalità organizzata** li huma fil-qalba tal-web kumplessa tan-networks tal-kriminalità organizzata. Jenħtieġ li l-Europol u l-Istati Membri ikompli l-ħidma tagħhom biex jiżviluppaw stampi strateġiċi u tattiki mmexxija mill-intelligence dwar dawk il-gruppi li huma ta' theddida akbar għas-sigurtà tal-Ewropa, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' rapporti *ad hoc* li jikkomplementaw il-Valutazzjoni tal-UE dwar it-Theddida mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA). L-iskambju ta' informazzjoni strateġika ma' atturi oħra, inklużi missjonijiet u operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni jista' jkun ta' benefiċċju f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, hija meħtieġa ħarsa ġenerali aħjar lejn id-dimensjoni tal-attivitajiet kriminali u l-azzjonijiet meħhuda mill-Istati Membri. Minħabba n-natura mhux trasparenti tal-kriminalità organizzata, huwa diffiċli li jitkejlu u jiġu kkwantifikati dawn l-attivitajiet, u d-*data* u l-istatistika disponibbli għall-Unjoni Ewropea huma frammentati, miġbura prinċipalment permezz ta' obbligi ta' rappurtar mifruxa madwar diversi atti leġislattivi. Filwaqt li tibni fuq l-eżitu ta' studju komprensiv li diġà sar³⁸, il-Kummissjoni se tivvaluta l-ħtieġa għal ġbir aktar sistematiku ta' statistika f'dan il-qasam.

2.2. Rispons infassal apposta għall-forom speċifiċi ta' kriminalità

Skont l-EU SOCTA tal-2021, il-gruppi tal-kriminalità organizzata attivi fl-Ewropa huma involuti f'varjetà ta' attivitajiet kriminali, bil-maġġoranza tal-gruppi kriminali involuti fit-traffikar tad-drogi, il-kriminalità organizzata kontra l-proprjetà, segwiti minn frodi (inklużi d-dwana, is-sisa u l-frodi tal-VAT), il-kuntribandu tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin. Filwaqt li xi gruppi huma speċjalizzati f'suq kriminali partikolari, oħrajn huma dejjem aktar **polikriminali**, billi jużaw il-profitti ta' attività kriminali waħda biex jiffinanzjaw l-espansjoni tagħhom f'oqsma oħra tal-kriminalità. Forom speċifiċi ta' kriminalità jeħtieġu rispons dedikat minn perspettiva leġislattiva u politika.

L-UE stabbiliet regoli fir-rigward ta' reati serji bħall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali³⁹, u biex tidentifika u tipprojbixxi sustanzi psikoattivi godda⁴⁰, tikkontrolla l-pussess u l-kummerċ ta' armi tan-nar u tipprevjeni r-riattivazzjoni ta' armi newtralizzati⁴¹. It-traffikar tad-drogi jibqa' sors ewlieni ta' dħul għall-gruppi tal-kriminalità organizzata u l-UE stabbiliet

³⁸ L-istudju "Availability, Comparability and Consistency of Administrative Statistical Data on Recorded Crime and on the Stages of the Criminal Justice Process in the EU", Marzu 2021, DR0121067ENN, <https://data.europa.eu/doi/10.2837/065004>.

³⁹ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2002 dwar it-tisħiħ tal-qafas penali biex ikun impedit it-tħaffif tad-dħul, it-tranżitu u r-residenza mhux awtorizzati, ĠU L 328, 5.12.2002.

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar, u sistema ta' twissija bikrija u proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju għal, sustanzi psikoattivi ġodda, ĠU L 305, 21.11.2017.

⁴¹ https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/trafficking-in-firearms_en.

il-prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin fl-**Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021–2025**, li ġiet adottata mill-Kunsill f'Diċembru 2020⁴². Id-diskussjonijiet dwar il-**Pjan ta' Azzjoni** relatat **dwar id-Drogi** qed ikomplu fil-Kunsill, filwaqt li l-Kummissjoni qed tħejji l-ewwel inizjattivi biex timplimenta l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni⁴³.

L-armi tan-nar huma faċilitatur ewlieni tal-vjolenza dejjem tiżdied minn gruppi kriminali, li jippermettulhom jintimidaw lill-avversarji tagħhom u jeżerċitaw kontroll fuq il-membri u s-swieq tagħhom. Sabiex tillimita d-disponibbiltà tal-armi tan-nar f'idejn il-kriminali, il-Kummissjoni bdiet l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-UE 2020–2025 **kontra t-traffikar tal-armi tan-nar**. Hija se tippubblika r-rapport ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar, li jidentifika l-mezzi inizjali għat-titjib tal-qafas legali.

Il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali tibqa' attività ewlenija għall-gruppi tal-kriminalità organizzata li tipperikola l-migranti u tagħmel ħsara lill-oġettivi tal-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE. Fl-2021, il-Kummissjoni se tadotta **Pjan ta' Azzjoni ġdid kontra t-Traffikar tal-Migranti** biex tiġġieled in-networks kriminali involuti f'dan ir-reat, tappoġġa l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u tistimula l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll ma' missjonijiet u operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni kull fejn ikun rilevanti.

It-**traffikar tal-bnedmin**, forma ta' kriminalità partikolarment ta' stmerrija, ħafna drabi jsir minn gruppi ta' kriminalità organizzata, li qed jirreklutaw dejjem aktar lill-vittmi tagħhom online, jiffalsifikaw dokumenti ta' identità u permissi tax-xogħol u jisfruttawhom għal skopijiet sesswali, xogħol furzat, kriminalità furzata jew tallaba. Filwaqt li l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ta' din l-Istrateġija jkopru t-traffikar tal-bnedmin, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll, flimkien ma' din l-Istrateġija, Strateġija ddedikata tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021–2025 biex tindirizza l-ispeċifikitajiet ta' din il-kriminalità.

Iċ-**ċiberkriminalità** qed issir aktar aggressiva u konfrontazzjonali. Id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà li qed tavvanza b'mod rapidu, li rat żieda qawwija bil-pandemija tal-COVID-19, toħloq vulnerabbiltajiet ġodda li jistgħu jiġu sfruttati minn kriminali involuti fi kriminalità ċiberdipendenti. L-attakki ċibernetiċi bħall-ħolqien u t-tixrid tal-malware, il-hacking biex tinsteraq *data* sensittiva personali jew tal-industrija, jew attacchi li jwaqqfu s-servizz, żdiedu matul l-aħħar sena kemm fl-għadd kif ukoll fil-grad ta' sofistikazzjoni⁴⁴.

Iċ-**Ċentru Ewropew ta' Ċiberkriminalità fil-Europol (EC3)**, li ġie stabbilit fl-2013, kellu rwol ewlieni fl-intraċċar tal-isfruttament tal-pandemija tal-COVID-19 mill-kriminalità organizzata, u fil-ħolqien ta' materjali u rapporti ta' sensibilizzazzjoni għall-informazzjoni tal-

⁴² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021–2025, 14178/20, it-18 ta' Diċembru 2020.

⁴³ <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12854-Alternatives-to-coercive-sanctions-for-drug-using-offenders>.

⁴⁴ Ara l-Valutazzjoni tal-2020 tat-Theddida mill-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet (iOCTA) fuq <https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/internet-organised-crime-threat-assessment>, kif ukoll ir-rapporti l-oħra tal-Europol fuq <https://www.europol.europa.eu/activities-services/staying-safe-during-covid-19-what-you-need-to-know>.

Istati Membri u tal-pubbliku, kif ukoll fl-appoġġ ta' investigazzjonijiet dwar prattiki qarrieqa online imwettqa minn gruppi tal-kriminalità organizzata. Barra minn hekk, huwa ppubblika r-rapporti regolari tiegħu dwar il-**Valutazzjoni tat-Theddida mill-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet** (IOCTA), li jipprovdu sors importanti ta' informazzjoni għall-istabbiliment tal-prijoritajiet fl-operazzjonijiet u l-politika⁴⁵.

F'konformità mal-Istrateġija tal-UE tal-2020 għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-Istrateġija Komprensiva tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2021–2025), fl-2021 il-Kummissjoni se tipproponi leġislazzjoni biex ittejjeb il-protezzjoni tat-tfal kontra l-**abbuż sesswali tat-tfal**, inkluż billi titlob lill-fornituri tas-servizzi online rilevanti jidentifikaw materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal u jirrapportaw dan il-materjal lill-awtoritajiet pubbliċi⁴⁶. Il-leġislazzjoni se tiżgura wkoll konsistenza ma' inizjattivi leġislattivi oħra, b'mod partikolari mal-proposta dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali⁴⁷. Il-Kummissjoni tkompli wkoll tappoġġa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jintlaħaq ftehim malajr kemm jista' jkun dwar il-proposta għal regolament dwar l-isforzi volontarji minn ċerti fornituri ta' servizzi fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online⁴⁸. B'mod parallel, l-Europol qed jappoġġa l-espansjoni tal-kampanja "Trace an Object" li rnexxiet, u li tiġbor informazzjoni dwar oġġetti individwali f'immaġnijiet li juru abbuż sesswali tat-tfal li jistgħu jgħinu biex tiġi ristretta l-lokalità ġeografika ta' abbuż u b'hekk eventwalment tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u s-salvaguardja tal-vittmi.

Il-bidla lejn ekonomiji mingħajr flus kontanti, aċċellerata aktar permezz tal-pandemija, ħolqot aktar opportunitajiet għall-frodi u l-falsifikazzjoni ta' **mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti** bħal karti ta' kreditu u għodod ta' pagament online⁴⁹, li huma ta' theddida serja għas-sigurtà tal-UE. Dawn jipprovdu sors importanti ta' dħul għall-kriminalità organizzata u jippermettu attivitajiet kriminali bħat-traffikar tad-drogi u t-traffikar tal-bnedmin. L-UE adottat regoli aktar stretti fl-2019⁵⁰, li l-Istati Membri jridu jimplimentaw sal-31 ta' Mejju 2021. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib il-progress biex tiżgura l-effettività sħiħa tar-regoli l-ġodda.

Il-**frodi**, inklużi d-dwana, is-sisa u l-frodi tal-VAT, hija qasam ieħor ta' kriminalità li qed isir dejjem aktar attraenti għall-kriminalità organizzata. Minbarra l-isforzi attwali tal-Europol u l-Eurojust f'dan il-qasam, l-**UPPE** se jinvestiga u jħarrek reati rigward il-parteċipazzjoni

⁴⁵ <https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/internet-organised-crime-threat-assessment>.

⁴⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal COM(2020) 607 final, 24.7.2020.

⁴⁷ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, COM(2020) 825 final, 15.12.2020

⁴⁸ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali online, COM(2020) 568 final, 10.9.2020.

⁴⁹ <https://www.europol.europa.eu/newsroom/news/beyond-pandemic-what-will-criminal-landscape-look-after-covid-19>.

⁵⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti, ĠU L 123, 10.5.2019.

f'organizzazzjoni kriminali, jekk il-punt fokali tal-attività kriminali ta' tali organizzazzjoni kriminali jkun li twettaq reati li jaffettwaw il-baġit tal-Unjoni, inkluża frodi transfruntiera serja tal-VAT.

Il-falsifikazzjoni ta' prodotti hija reat b'impatt kbir. Il-prodotti ffalsifikati jirrappreżentaw 6,8 % tal-importazzjonijiet tal-UE⁵¹ u huma sors sinifikanti ta' dħul għall-gruppi tal-kriminalità organizzata. Il-prodotti mediċi, tal-kura tas-saħħa u sanitarji jikkostitwixxu sehem konsiderevoli u dejjem jikber ta' falsifikazzjoni, fenomenu li żdied b'mod allarmanti bil-pandemija tal-COVID-19. Il-kriminalità organizzata involviet ruħha fil-produzzjoni u l-provvista ta' tagħmir protettiv iffalsifikat, kits għall-ittestjar u farmaċewtiċi, u hemm riskju li l-gruppi tal-kriminalità organizzata jippruvaw jisfruttaw l-opportunitajiet li jirriżultaw fl-UE mid-domanda għolja għat-tilqim. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi flimkien mal-Europol u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi qed iwettqu b'suċċess operazzjonijiet importanti li jwasslu għal arresti u sekwestri sinifikanti ta' prodotti ffalsifikati, inklużi prodotti mediċi, ġugarelli, ikel u xorb⁵². Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali biex tiġi indirizzata l-falsifikazzjoni. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata huma dejjem aktar involuti f'reati bħall-falsifikazzjoni tal-pestiċidi u l-użu qarrieqi tal-logo organiku tal-UE. Filwaqt li tibni fuq il-kontrolli uffiċjali u l-qafas ta' infurzar tagħha, il-Kummissjoni se tkompli żżid l-isforzi tagħha biex tindirizza l-frodi alimentari, u se taħdem biex tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet nazzjonali, toħloq politika ta' tolleranza żero u żżid il-prevenzjoni, il-kontrolli, id-deterrenza kif ukoll is-sanzjonijiet effettivi.

Għal dan il-għan, f'Novembru 2020, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Proprietà Intellettuali, u fl-2022 se tistabbilixxi **Sett ta' Għodod tal-UE kontra l-iffalsifikar** li jistabbilixxi prinċipji għal azzjoni konġunta, kooperazzjoni u kondivizzjoni tad-data fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, id-detenturi tad-drittijiet u l-intermedjarji⁵³. Minħabba li l-iffalsifikar ta' prodotti mediċi jsir l-aktar f'pajjiżi terzi, huwa importanti li tissaħħaħ il-governanza globali, b'mod partikolari permezz tal-adeżjoni u r-ratifika mill-Istati Membri tal-UE, u possibbilment mill-Unjoni nnifisha, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-**dwar il-falsifikazzjoni ta' prodotti mediċi** (il-Konvenzjoni Medicrime), li ġiet iffirmata minn erbatax-il Stat Membru, li minnhom sitta biss irratifikawha⁵⁴.

⁵¹ OECD/EUIPO (2019), Trends in Trade in Counterfeit and Pirated Goods, Illicit Trade, OECD Publishing, Paris/L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea. <https://doi.org/10.1787/g2g9f533-en>.

⁵² Ara pereżempju l-operazzjonijiet [Pangea XIII](#) (oġġetti mediċi), [LUDUS](#) (ġugarelli) u [Opson IX](#) (ikel u xorb). Matul it-Tarka tal-Operazzjoni Koordinata tal-Europol, konkluża f'Settembru 2020, ġew sekwestrati kważi 33 miljun apparat mediku ffalsifikat relatat mal-COVID-19: dawn kienu jinkludu 8 tunnelli ta' materja prima, maskri tal-wiċċ, testijiet u kits għad-dijanjożi.

⁵³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE". Pjan ta' azzjoni dwar il-proprietà intellettuali biex jappoġġa l-irkupru u r-reżiljenza tal-UE, COM(2020) 760 final, 25.11.2020.

⁵⁴ Il-Konvenzjoni CET nru° 211. Il-Konvenzjoni ġiet ratifikata mill-Belġju, mill-Kroazja, minn Spanja, minn Franza, mill-Ungerija u mill-Portugall. Ġiet iffirmata iżda għadha ma ġiet ratifikata mill-Awstrija, minn Ċipru, mill-Ġermanja, mid-Danimarka, mill-Finlandja, mill-Italja, mil-Lussemburgu u mis-Slovenja. Minbarra l-Konvenzjoni Medicrime, id-Direttiva 2011/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-8 ta' Ġunju 2011 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, rigward il-prevenzjoni tad-dħul fil-katina legali tal-provvista ta' prodotti mediċinali falsifikati,

Il-kriminalità ambjentali jistħoqqilha attenzjoni partikolari minħabba l-effetti dannużi tagħha fuq il-bijodiversità u fuq l-ambjent, is-saħħa u l-koeżjoni soċjali fl-UE u f'pajjiżi terzi. It-tipi kollha ta' organiżmi selvaġġi — pjanti, annimali u prodotti derivati — kif ukoll l-annimali tad-dar ikompli jiġu nnegożjati illegalment, ta' sikwit fuq skala kbira u xi drabi b'konsegwenzi potenzjalment qerrieda. Il-ġestjoni illegali tal-iskart u l-vjeġġi jdgħajfu l-industriji leġittimi tat-trattament tal-iskart u tar-riċiklaġġ. L-UE adottat leġislazzjoni biex tirregola l-kummerċ legali tal-organiżmi selvaġġ⁵⁵ u tal-iskart⁵⁶ u talbet lill-Istati Membri jikkriminalizzaw u jistabbilixxu pieni fuq firxa wiesgħa ta' reati ambjentali⁵⁷. Dawn l-għodod leġislattivi ġew ikkumplimentati mill-Pjan ta' Azzjoni tal-2016 kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi u l-Pjan ta' Azzjoni tal-2018 dwar il-Konformità u l-Governanza Ambjentali. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi żviluppa b'mod sinifikanti l-attivitajiet operazzjonali tiegħu fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' oġġetti li jqiegħdu f'riskju l-ambjent.

Minkejja dawn l-isforzi, l-ispezzjoni, l-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' sikwit ma jkunux mġhamra bil-kapaċità u r-riżorsi biex jidentifikaw, jinvestigaw u jħarrku b'mod effettiv il-kriminalità ambjentali. Dan huwa partikolarment il-każ fl-Istati Membri li fihom ma jeżistux korpi speċjalizzati ta' infurzar jew ta' prosekuzzjoni u l-ebda approċċ strateġiku stabbilit għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali. Hemm bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità tal-infurzar fil-livell nazzjonali u tal-UE. Is-sanzjonijiet imposti mhumex dissważivi biżżejjed u l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet amministrattivi u l-korpi tal-infurzar tal-liġi, mhumex biżżejjed⁵⁸. Il-Kummissjoni qed tirrevedi r-**Regolament tal-UE dwar Vjeġġi ta' Skart u l-Pjan ta' Azzjoni kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi**. Id-Direttiva **dwar ir-Reati Ambjentali** se tiġi riveduta biex tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati kriminali ambjentali, tipprovdi aktar preċiżjoni fir-rigward tas-sanzjonar, tiffaċilita l-użu ta' għodod investigattivi effettivi u tippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Barra minn hekk, se tissaħħaħ il-kooperazzjoni permezz tan-networks Ewropej għall-infurzar tal-ambjent. Fl-aħħar nett, peress li d-dimensjoni internazzjonali tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi hija kruċjali, il-Kummissjoni se tippromwovi l-adozzjoni ta' protokoll addizzjonali taħt l-UNTOC.

It-traffikar ta' **beni kulturali** għandu impatt devastanti fuq il-wirt kulturali tal-pajjiżi u jipprovdi mezzi ta' finanzjament għall-organizzazzjonijiet kriminali u huwa strumentali għall-ħasil tal-flus. It-titjib fil-monitoraġġ u l-iskambju ta' informazzjoni, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni doganali msaħħa, it-titjib fil-kooperazzjoni tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u

ĠU L 174, 1.7.2011, tistabbilixxi regoli u mekkaniżmi biex jissaħħu r-rekwiżiti ta' verifika applikabbli għall-manifattur tal-prodott mediċinali għal dan il-għan.

⁵⁵ https://ec.europa.eu/environment/cites/legislation_en.htm.

⁵⁶ Ara l-Artikolu 50 tar-Regolament 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart, ĠU L 190, 12.7.2006.

⁵⁷ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 328, 6.12.2008 (Id-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali).

⁵⁸ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (Id-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali), SWD(2020) 259 final, 28.10.2020.

l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni fil-qasam, u l-iżvilupp abbażi tal-għarfien espert ta' atturi pubbliċi u privati differenti huma meħtieġa għal rispons effettiv għal dan ir-reat. L-aċċess rapidu għall-arkeologi u għall-istoriċi tal-arti jista' jkun ta' kontribut kbir għall-investigazzjonijiet dwar it-traffikar ta' beni kulturali. Sabiex tiġi indirizzata din il-forma unika ta' kriminalità, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-bini tal-kapaċità fost l-esperti tal-wirt kulturali, inkluż permezz ta' network ta' esperti bħal dawn li l-Istati Membri jkun jistgħu jużaw fil-qafas tal-EMPACT. Il-kooperazzjoni strutturata tagħhom mal-infurzar tal-liġi se tiġi appoġġata sabiex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet kif ukoll il-finanzjament ta' proġetti dwar it-traffikar ta' oġġetti kulturali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se teżamina azzjonijiet oħra meħtieġa biex tindirizza dan il-fenomeni inkluż permezz tat-titjib tat-traċċabbiltà online u offline ta' oġġetti kulturali fis-suq intern, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi li fihom jinsterqu l-beni kulturali. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tipproponi Pjan ta' Azzjoni dwar l-indirizzar tal-kummerċ illeċitu ta' oġġetti kulturali fl-2022.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tipproponi emendi għad-**Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali** (Q4 2021);
- Issaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar kontra vjeġġi illegali ta' skart bħala parti mill-proposta tagħha li temenda r-**regolament dwar il-vjeġġi tal-iskart** (Q2 2021);
- Tistabbilixxi **Sett ta' Għodod tal-UE kontra l-falsifikazzjoni** li joħloq prinċipji għal azzjoni konġunta, kooperazzjoni u kondiżizzjoni ta' *data* fost l-**awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi**, id-detenturi tad-drittijiet u l-intermedjarji (2022);
- Tipproponi **Pjan ta' Azzjoni dwar it-traffikar ta' oġġetti kulturali** (2022);
- Tesplora l-possibbiltà li l-Unjoni taderixxi mal-**Konvenzjoni Medcrime** tal-Kunsill tal-Ewropa.

L-Istati Membri huma mħeġġa biex:

- **Jingħaqdu u jsaħħu n-Network @ ON** dwar gruppi tal-kriminalità organizzata tat-tip mafjuż u jesploraw integrazzjoni aktar strutturata ta' **approċċ immirat kontra n-networks kriminali fl-EMPACT**;
- Jistabbilixxu jew ikomplu jiżviluppaw l-istrutturi ta' koordinazzjoni fil-livell nazzjonali jew ta' **korpi speċjalizzati** fl-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji ffukati fuq l-indirizzar tal-istrutturi tal-kriminalità organizzata;
- Jaderixxu mal-**Konvenzjoni Medcrime** tal-Kunsill tal-Ewropa u jirratifikawha.

L-Istati Membri u l-Europol huma mħeġġa biex:

- Jiżviluppaw kriterji ta' identifikazzjoni komuni li tagħżel u tinvestiga **Miri ta' Valur Għoli** u tipprijorizza l-investigazzjonijiet kontra l-individwi u n-networks kriminali li jippreżentaw l-ogħla riskju ta' sigurtà fl-UE;
- Jiżviluppaw **stampa ta' intelligence** strateġika u tattika dwar gruppi tal-kriminalità

organizzata b'riskju għoli;

- Isaħħu l-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni ta' prodotti mediċi, inkluż mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u mal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea u fil-livell globali.

3. L-eliminazzjoni tal-profitti ġġenerati mill-kriminalità organizzata u l-prevenzjoni tal-infiltrazzjoni fl-ekonomija u s-soċjetà legali

3.1. *It-tisħiħ tal-irkupru tal-assi u ta' miżuri kontra l-ħasil tal-flus, il-promozzjoni ta' investigazzjonijiet finanzjarji*

Il-kriminalità organizzata fl-UE tiddependi fundamentalment fuq il-kapaċità li jinħaslu ammonti kbar ta' profitti kriminali. Filwaqt li tliet kwarti minn dawn il-gruppi għadhom jużaw metodi bażiċi biex jaħbu l-qliġh illeċitu tagħhom, bħall-investment fi proprjetà immobbli jew oġġetti oħra ta' valur għoli, oħrajn jiddependu fuq metodi dejjem aktar sofistikati, bl-għajjnuna ta' ħassjela tal-flus tal-kullar abjad⁵⁹. It-traċċa finanzjarja li l-kriminali jħallu warajhom hija indikatur ewlieni tal-attività tagħhom, li tipprovdi ħjiel utli għall-investigaturi u evidenza imprezzabbli għall-inkriminazzjoni tal-awturi. Għalhekk, l-indirizzar tal-finanzi kriminali huwa kruċjali biex jinkixfu l-attivitàjiet kriminali, biex tiġi skoraġġuta l-kriminalità, u biex tiġi evitata l-infiltrazzjoni fl-ekonomija u s-soċjetà legali.

Minkejja l-iżvilupp tal-oqfsa legali kontra l-ħasil tal-flus u l-irkupru tal-assi, sehem żgħir biss tal-attivitàjiet tal-ħasil tal-flus jiġi identifikat, u 1 % biss tal-assi kriminali jiġu kkonfiskati⁶⁰. Dan ġie aggravat mill-użu dejjem jizżiedta' mezzi finanzjarji b'sorveljanza aktar limitata mis-settur bankarju, bħall-muniti virtwali.

Il-ġlieda kontra l-finanzi kriminali jeħtieġ li tissaħħaħ. Kif enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 Kontra l-ħasil tal-flus⁶¹, il-qafas tal-UE kontra l-ħasil tal-flus jeħtieġ li jittejjeb b'mod sinifikanti biex jindirizza diverġenzi kbar fil-mod kif jiġi applikat u dgħufijiet serji fl-infurzar tar-regoli. L-investigazzjonijiet finanzjarji mhumex qed jintużaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom, parzjalment minħabba l-kapaċità insuffiċjenti fl-infurzar tal-liġi biex jitwettqu dawn l-inkjesti kumplessi u ta' piż.

Barra minn hekk, il-kapaċità li l-kriminali jiġu mċaħħda mill-assi tagħhom miksuba illegalment tkompli tixxekkel minħabba l-kamp ta' applikazzjoni dejjaq tal-qafas legali ta' konfiska f'termini ta' assi u ta' attivitàjiet kriminali koperti. B'żieda ma' dan, l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi bħalissa qed jiffaċċjaw ċerti sfidi meta jittraċċaw l-assi billi huma nieqsa pereżempju minn setgħat temporanji ta' ffriżar biex jipprevjenu d-dissipazzjoni tal-assi jew l-

⁵⁹ Europol, 2021 EU Serious and Organised Threat Assessment Report (EU SOCTA), it-12 ta' April 2021, <https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/european-union-serious-and-organised-crime-threat-assessment>.

⁶⁰ Europol, Does crime still pay? Criminal Asset Recovery in the EU – Survey of statistical information 2010-2014, 2016, disponibbli fuq: <https://www.europol.europa.eu/publications-documents/does-crimestill-pay>.

⁶¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, C (2020) 2800 final, 7.5.2020.

aċċess dirett u immedjat għal ċerti reġistri pubbliċi bħar-reġistri ċentrali tal-artijiet jew ir-reġistri ċentrali tal-kumpaniji⁶². Barra minn hekk, l-assi rkuprati mhux dejjem jiġu ġestiti b'mod effiċjenti u ma jintużawx biżżejjed biex jikkumpensaw lill-vittmi jew biex jibbenefikaw lis-soċjetà.

Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 Kontra l-Ħasil tal-Flus, l-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-qafas eżistenti kontra l-ħasil tal-flus huwa prijorità. Minbarra l-isforzi li għaddejjin biex tiġi żgurata implimentazzjoni adegwata, il-Kummissjoni qed tħejji proposti leġiżlattivi mmirati lejn it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-**Qafas tal-UE Kontra l-Ħasil tal-Flus** billi tipproponi fit-tieni trimestru tal-2021 li tistabbilixxi kodiċi uniku tar-regoli applikabbli direttament, biex issaħħaħ is-superviżjoni fil-livell tal-UE u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ tal-UE għall-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja.

Hija ugwalment meħtieġa l-promozzjoni ta' aktar kultura ta' **investigazzjonijiet finanzjarji bikrin** fl-Istati Membri kollha u li tinbena l-kapaċità tal-investigaturi biex jindirizzaw id-dimensjoni finanzjarja tal-kriminalità organizzata. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar it-tisħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji⁶³ jappellaw lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-investigazzjonijiet finanzjarji jiffurmaw parti minn kull tip ta' investigazzjonijiet kriminali rigward il-kriminalità organizzata. Barra minn hekk, permezz tal-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika, l-Europol żied il-kapaċitajiet tiegħu biex jappoġġa lill-Istati Membri fit-twettiq ta' investigazzjonijiet finanzjarji.

Huwa daqstant essenzjali li jiżdiedu l-isforzi ta' **ffriżar u ta' konfiska** permezz ta' qafas legali li jkompli jissaħħaħ fil-livell tal-UE u kapaċitajiet operazzjonali aktar b'saħħithom tal-**Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi**. Jenħtieġ li jiġu esplorati miżuri ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna peress li dawn jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdied l-ammont ta' assi kkonfiskati meta pereżempju ma jkunx possibbli li l-assi miksuba jintrabtu ma' kundanna kriminali⁶⁴. Biex jiġi previst reġim ta' konfiska aktar b'saħħtu u l-Uffiċċji nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi jiġu mġhammra b'mandat aktar effettiv, fl-2022 il-Kummissjoni se tipproponi reviżjoni tad-**Direttiva dwar il-Konfiska** tal-2014 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2007 dwar l-**Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi**⁶⁵ biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati kriminali koperti, u jiġu introdotti regoli aktar effettivi dwar il-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna; tiżgura l-ġestjoni effettiva u l-użu mill-ġdid soċjali tal-assi kkonfiskati u l-kumpens tal-vittmi tal-kriminalità u ssaħħaħ il-kapaċità tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi biex jittraċċaw u jidentifikaw l-assi illeċiti⁶⁶.

⁶² Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, 8927/20, is-17 ta' Ġunju 2020.

⁶³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-investigazzjonijiet finanzjarji għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, 8927/20, is-17 ta' Ġunju 2020.

⁶⁴ Ara wkoll l-Analiżi ta' miżuri ta' konfiska mhux ibbażati fuq kundanna fl-Unjoni Ewropea, SWD (2019) 1050 final, 12.4.2019.

⁶⁵ <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12725-Freezing-and-confiscation-of-the-proceeds-of-crime>.

⁶⁶ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "L-irkupru tal-assi u l-konfiska, Niżguraw li l-kriminalità ma trendix qligħ," COM (2020) 217 final, 2.6.2020.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tikkunsidra għażliet possibbli rigward it-**tnedija sistematika ta' investigazzjonijiet finanzjarji** u investigazzjonijiet finanzjarji ta' wara l-kundanna. L-aċċess rapidu għall-informazzjoni finanzjarja huwa essenzjali biex jitwettqu investigazzjonijiet finanzjarji effettivi u biex l-assi jiġu traċċati u kkonfiskati b'suċċess. It-traspożizzjoni f'waqtha mill-Istati Membri tad-**Direttiva dwar l-iffaċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja**, li ttiprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi b'aċċess għal reġistri ċentralizzati tal-kontijiet bankarji u ssaħħa il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja hija għalhekk ta' importanza kbira. Il-Kummissjoni se tirrevedi wkoll id-Direttiva flimkien mal-Qafas Kontra l-Ħasil tal-Flus sabiex ttiprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi aċċess għall-pjattaforma futura li tgħaqqad ir-reġistri tal-kontijiet bankarji madwar l-Unjoni.

Fl-istess ħin, se jkun meħtieġ li tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali f'dak kollu li jirrigwarda r-rispons repressiv għall-ħasil tal-flus. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet li joffri n-**Network Operazzjonali kontra l-Ħasil tal-Flus (AMON)**, network internazzjonali informali tal-unità tal-infurzar tal-liġi kontra l-ħasil tal-flus, u n-**Network tal-Interaġenziji Camden għall-Irkupru tal-Assi (CARIN)**, network informali ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u ta' prattikanti ġudizzjarji speċjalizzati fil-qasam tat-traċċar tal-assi, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska. Il-Kummissjoni se tipproponi wkoll ir-ratifika, f'isem l-UE, tal-**Konvenzjoni ta' Varsavja** tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, l-Iffriżar u l-Konfiska.

3.2. It-Tisħiħ tal-miżuri kontra l-korruzzjoni

Il-korruzzjoni hija parti ċentrali tal-*modus operandi* tal-gruppi tal-kriminalità organizzata. Huma jxaħħmu, jintimidaw u jużaw il-forza fuq l-uffiċjali pubbliċi u l-persunal fl-entitajiet ewlenin bħall-portijiet biex joqogħdu “off the radar”, jiksibu informazzjoni jew jiffaċilitaw l-attivitajiet tagħhom. Skont ir-regoli attwali tal-UE kontra l-korruzzjoni, l-Istati Membri huma meħtieġa jikkriminalizzaw kemm il-korruzzjoni attiva kif ukoll dik passiva tal-uffiċjali pubbliċi, jistabbilixxu sanzjonijiet adegwati u jiżguraw li l-imprendituri li jikkorrompu l-uffiċjali jinżammu kriminalment responsabbli. Madankollu, dawn l-istrumenti ma jkoprox ċerti reati marbuta mal-korruzzjoni, bħall-eżerċitar ta' influwenza, l-abbuż tal-poter, l-arrikkiment illeċitu, il-miżapproprjazzjoni jew forum oħra ta' abbuż ta' proprjetà minn uffiċjal pubbliku. Aktar reċentement, l-Unjoni introduċiet leġislazzjoni ġdida li tipproteġi lill-informaturi u li tirrikjedi l-ħolqien ta' mezzi sikuri għar-rappurtar ta' prattiki korrotti. Ir-rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt jeżamina s-sitwazzjoni tal-Istati Membri anki fir-rigward tal-politiki kontra l-korruzzjoni.

Sabiex iżżid l-isforzi fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni se **tivvaluta r-regoli eżistenti tal-UE kontra l-korruzzjoni**⁶⁷, li ġew adottati għoxrin sena ilu, biex tivvaluta jekk humiex aġġornati

⁶⁷ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat u l-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 192, 31.7.2003.

mal-prattiki kriminali li qed jevolvu u biex tiżgura li dawn ikopru r-reati kollha rilevanti marbuta mal-korruzzjoni.

Id-diversi forom ta' korruzzjoni marbuta mal-kriminalità organizzata f'kuntest transnazzjonali jiġġustifikaw ukoll il-ħtieġa għal kondivizzjoni aħjar tal-ġharfien espert, l-aħjar prattiki, id-*data* u l-informazzjoni fost l-Istati Membri u mas-soċjetà ċivili. Sabiex l-investigazzjonijiet kriminali jiġu appoġġati b'mod effettiv permezz tal-iskambju ta' *data*, huwa kruċjali li jkun hemm ħarsa ġenerali u fehim tar-riskji u t-tħeddid ikkawżati mill-korruzzjoni qabel ma jimmaterjalizzaw f'reati marbuta mal-korruzzjoni.

Il-pandemija tal-COVID-19 iżżid saff serju ieħor ta' riskji ta' korruzzjoni: il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi fuq skala kbira bħala reazzjoni għall-kriżi tas-saħħa u ekonomika ħolqot indirettament opportunitajiet ġodda għall-korruzzjoni. Huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali biex jindirizzaw każijiet ta' korruzzjoni kumplessi ħafna marbuta mal-kriminalità organizzata, b'mod partikolari billi jiġu stabbiliti strutturi speċjalizzati kontra l-korruzzjoni. Huwa importanti li l-Istati Membri jagħmlu aktar użu mill-finanzjament disponibbli u mill-istrumenti ta' appoġġ tekniku pprovduti mill-Kummissjoni sabiex isaħħu l-approċċ strutturali u strateġiku tagħhom, l-għodod regolatorji u operazzjonali u l-kapaċità fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Barra minn hekk, minħabba r-rwol kruċjali tal-midja fil-kxif ta' każijiet ta' korruzzjoni, huwa ta' importanza kbira li tiġi żgurata s-sikurezza tal-ġurnalisti investigattivi madwar l-Unjoni, inkluż kontra litigazzjoni abbużiva. Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija, fl-2021 il-Kummissjoni se tippubblika Rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti, u se tippreżenta inizzjattiva biex tiġi miġġielda l-litigazzjoni abbużiva kontra l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet.

L-UE ilha parti mill-**Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni** mill-2008 u se tkun soġġetta għar-reviżjoni tal-implimentazzjoni prevista skont il-Konvenzjoni. L-UE u l-Istati Membri qed jaħdmu fil-qafas tal-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni (GRECO) u l-G20 biex jagħmlu aktar progress fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Is-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, ippjanata għal Ġunju 2021, se tkun opportunità kbira biex tiġi avvanzata l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livell globali.

L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll li jikkriminalizzaw u jħarrku l-atti ta' korruzzjoni mwettqa minn ċittadini u kumpaniji tal-UE f'pajjiżi sħab f'konformità mal-obbligi skont il-**Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali**. Il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni konsistenti tal-atti ta' korruzzjoni mwettqa barra mill-pajjiż se jkollhom rwol importanti fl-indirizzar tal-korruzzjoni globalment.

3.3. L-indirizzar tal-infiltrazzjoni fl-ekonomija u s-soċjetà

Il-gruppi kriminali jinvestu parti mid-dħul konsiderevoli tagħhom f'negozji legali f'setturi varji bħalma huma dawk tal-proprjetà immobbli, tal-kostruzzjoni, tal-lukandi jew tat-

trasport⁶⁸. Billi jikkontrollaw il-kumpaniji f'dawn is-setturi, l-organizzazzjonijiet kriminali jistgħu jaħslu l-assi illegali u jimmassimizzaw il-profitti tagħhom. L-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata tagħmel ħsara lill-ekonomija leċita u tfixxkel ir-regoli tas-suq. Minħabba s-sitwazzjoni ekonomika ġġenerata mill-pandemija tal-COVID-19, hemm riskju akbar li l-kriminalità organizzata tiegħu f'idejha kumpaniji mdgħajfa u tinfiltra setturi sħaħ tan-negozju. Diġà hemm prova ta' tentattivi kriminali ta' frodi tad-diversi mekkaniżmi finanzjarji stabbiliti biex jappoġġjaw l-irkupru ekonomiku⁶⁹. Sabiex tiġi indirizzata din it-theddida u jiġu identifikati punti ewlenin għall-intervent u s-sensibilizzazzjoni, l-Istati Membri u l-Europol jeħtieġ li jibnu l-istampa tal-intelligence dwar l-iskala u l-grad tal-investimenti kriminali, il-metodi ta' infiltrazzjoni u s-setturi f'riskju.

Jistgħu jinstiltu tagħlimiet mill-iskambju tal-aħjar prattiki promossi permezz tan-**Network Ewropew** dwar l-**Approċċ Amministrattiv**⁷⁰, metodu li bih l-awtoritajiet lokali, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u s-soċjetà ċivili, jużaw għodod amministrattivi bħal proċeduri għall-kisba ta' permessi, offerti u sussidji għall-prevenzjoni tal-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata ta' negozji legali u infrastruttura amministrattiva. Jenħtieġ li l-awtoritajiet lokali jingħataw is-setgħa, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, li jistabbilixxu ostakli li jipproteġu n-nisġa ekonomika kontra l-kriminalità organizzata.

Id-dimensjoni lokali hija wkoll kruċjali biex jitnaqqas l-ispazju għall-gruppi kriminali biex jimlew il-grad tagħhom. Indivdwi mrobbija f'ambjent ta' kriminalità organizzata u f'żoni soċjoekonomikament żvantaġġati huma l-aktar vulnerabbli għar-reklutaġġ ta' attivitajiet kriminali. Billi jibdw minn kriminalità żgħira jew minn rwoli minuri fl-organizzazzjoni, dawn isiru l-membri u l-mexxejja tal-organizzazzjonijiet kriminali ta' għada. L-azzjonijiet immirati fil-viċinati u fil-komunitajiet kienu ta' suċċess f'li joffru alternattivi li jipprevjenu liż-żgħażaġħ milli jissieħbu f'ħajja kriminali u ta' vjolenza. Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' prevenzjoni tal-kriminalità bħall-pulizija tal-komunità jew kampanji ta' sensibilizzazzjoni f'oqsma partikolarment affettwati minn attività kriminali huma essenzjali biex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà kontra l-attivitajiet tal-gruppi tal-kriminalità organizzata. Il-Kummissjoni se ssaħħa l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità permezz tan-**Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità**.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tipproponi r-reviżjoni tad-**Direttiva dwar il-Konfiska** u d-**Deċiżjoni tal-Kunsill** dwar

⁶⁸ Study on Mapping the risk of serious and organised crime infiltration in legitimate businesses, Marzu 2021, DR0221244ENN, <https://data.europa.eu/doi/10.2837/64101>.

⁶⁹ Europol, 2021 EU Serious and Organised Threat Assessment Report (EU SOCTA), it-12 ta' April 2021 <https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/european-union-serious-and-organised-crime-threat-assessment>.

⁷⁰ L-approċċ amministrattiv għall-kriminalità serja u organizzata huwa kumplimentari għall-attivitajiet tradizzjonali tal-infurzar tal-liġi. Dan joffri għodod addizzjonali għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-użu ħażin tal-infrastruttura legali permezz ta' kooperazzjoni bejn diversi aġenziji bil-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-teħid ta' azzjonijiet sabiex jiġu stabbiliti ostakli kontra l-infiltrazzjoni.

I-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi (2022);

- Tivvaluta r-regoli eżistenti tal-UE kontra l-korruzzjoni (2022);
- Tippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-rabta bejn il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż permezz tal-Europol.

L-Istati Membri huma mħeġġa biex:

- **Iwettqu investigazzjonijiet finanzjarji b'mod sistematiku** fl-investigazzjonijiet kollha dwar il-kriminalità organizzata u, hekk kif l-ambjent finanzjarju jindika l-preżenza ta' assi kriminali, sistematikament iwettqu investigazzjonijiet ta' rkupru tal-assi;
- Jittrasponu mingħajr dewmien id-Direttiva dwar l-iffaċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja qabel l-iskadenza ta' Awwissu 2021;
- **Jiskambjaw informazzjoni strateġika** ma' daww is-setturi f'riskju li jiġu infiltrati minn gruppi ta' kriminalità organizzata (sħubiji pubbliċi-privati);
- Itejbu l-ispeċjalizzazzjoni tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi, u jsaħħu l-korpi responsabbli għall-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-proċedimenti ġudizzjarji ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli.

L-Istati Membri u l-Europol huma mħeġġa biex:

- Itejbu l-istampa tal-intelligence dwar it-theddida ta' **infiltrazzjoni** fl-ekonomija legali, billi jivvalutaw ir-riskji u l-metodi użati mill-gruppi tal-kriminalità organizzata.

4. Nagħmlu l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura adattati għall-era diġitali

4.1. Aċċess għal ħjiel u evidenza diġitali

It-tfittxija għal ħjiel u evidenza, inkluż l-aċċess legali għal *data* ta' komunikazzjoni, hija l-pedament tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-infurzar tal-liġi, li jressqu lill-kriminali quddiem il-ġustizzja. Hekk kif haġġitna u l-attivitajiet tagħna jimirħu online aktar minn qatt qabel, l-impronti tal-kriminalità huma wkoll diġitali. Il-kriminalità organizzata hija ppjanata, eżegwita u moħbija online, tikkummerċjalizza sustanzi u prodotti illegali u ssib modi ingenuji għall-ħasil ta' profitti, mingħajr xkiel minn fruntieri fiżiċi. L-iskala tal-problema hija amplifikata mit-teknoloġiji li qed jiżviluppaw b'rata mgħaġġla. Il-bidla ta' xi ħjiel u evidenza minn spazju fiżiku għal spazju online iġġib magħha varjetà ta' sfidi, inkluż il-ħeffa li biha d-*data* tista' tiġi spostata bejn il-ġurisdizzjonijiet, jew il-kapaċità li tinħeba wara l-kriptaġġ. Barra minn hekk, xi **strumenti u miżuri għall-ġbir tal-evidenza mfassla għall-evidenza fiżika għadhom mhumex kompletament adattati għad-dinja diġitali.**⁷¹ Dan jista' jfixxkel jew inaqqas ir-ritmu tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali minħabba li d-*data* ma tkunx disponibbli jew aċċessibbli fil-ħin.

⁷¹ https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/criminal-justice/e-evidence-cross-border-access-electronic-evidence_en#internaleurulesproposaloneevidence.

L-investigazzjonijiet tal-kriminalità organizzata ġeneralment jirrikjedu aċċess għal *data* ta' komunikazzjoni elettronika biex ikun hemm rabta bejn ir-reat u l-awtur u l-vittmi tiegħu, kif ukoll biex jiġu traċċati networks kriminali. Meta titqies l-iskala u l-istruttura ta' network tal-kriminalità organizzata, huwa diffiċli li dawn il-komunikazzjonijiet jiġu traċċati mill-awtoritajiet tal-infurzar mingħajr aċċess retrospettiv għall-*metadata* tal-komunikazzjonijiet. In-nuqqas ta' *data* bħal f'dan il-każ jagħmilha partikolarment diffiċli li jiġu identifikati l-atturi ċentrali responsabbli wara l-kwinti. Għalhekk, l-identifikazzjoni u l-arrest ta' sikwit jolqtu biss l-aktar livelli baxxi ta' dawn in-networks, dawk li kienu fis-sit tar-reat, aktar milli l-atturi ċentrali⁷². Barra minn hekk, il-gruppi tal-kriminalità organizzata jużaw it-teknoloġija moderna biex jiftiehm u id-drop-off li jkun imiss, biex jikkondividu miri promettenti għas-serqa li jmiss, jew biex jaqblu dwar il-lokalità ta' laqgħa għal serqa bl-użu tal-armi, jew, fil-każ ta' gruppi ċiberkriminali organizzati, biex iwettqu attakki ta' malware bankarji online.

Biex jiġi żgurat l-aċċess għal evidenza diġitali u għal ħjiel investigattivi, l-Istati Membri stabbilew **oqfsa għaż-żamma tad-*data***. Minħabba l-prinċipju tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, il-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjoni għandhom mnejn ikunu ħassru l-*metadata* meta l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jitolbu aċċess għaliha. F'każijiet bħal dawn, evidenza importanti tista' tintilef, sakemm il-fornituri ma jkunux meħtieġa bil-liġi li jaħżnu *metadata* ta' komunikazzjoni għal perjodu raġonevolment itwal taħt qafas leġiżlattiv dwar iż-żamma tad-*data*. Dan jirriskja li jirriżulta f'reati li ma jiġux investigati b'suċċess jew li l-vittmi ma jiġux identifikati. Il-*metadata* tal-komunikazzjonijiet hija, pereżempju, ta' importanza partikolari fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità, u ħafna drabi hija l-mezz primarju biex jiġi identifikat ir-reat u taġixxi bħala evidenza fundamentali. Tista' tkun ukoll mezz importanti biex tikkorroborra (jew tiċħad) tipi oħra ta' evidenza relatati mal-fatti tal-każ. Barra minn hekk, il-komplessità tal-kriminalità organizzata, bħat-traffikar illegali tad-drogi jew it-traffikar tal-bnedmin jew il-ħasil tal-flus, u ż-żmien li jittieħed biex jiġi investigat tali reat, b'persuni suspettati ġodda li jidhru biss matul l-investigazzjoni, tenfasizza r-rilevanza taż-żamma tad-*data*.

Fl-istess ħin, il-miżuri għaż-żamma tad-*data* jqajmu mistoqsijiet importanti fir-rigward tal-interferenza tagħhom mad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali. Fis-sentenzi reċenti tagħha dwar iż-żamma tad-*data*⁷³, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat il-ġurisprudenza preċedenti tagħha li d-*data* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi hija kunfidenzjali u, fil-prinċipju, id-*data* dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni ma tistax tinżamm b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri taż-żamma tad-*data* jista' jiġi ġġustifikat biss fir-rigward tal-interferenza tagħhom mad-drittijiet fundamentali meta jkun meħtieġa u proporzjonati mal-oġettiv segwit. Il-Qorti stabbiliet eċċezzjonijiet ċirkoskritti għal din ir-regola dwar is-sigurtà nazzjonali, id-difiża u s-sigurtà pubblika jew il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-

⁷²https://www.bka.de/SharedDocs/Kurzmeldungen/DE/Kurzmeldungen/180611_MINDESTSPEICHERFRISTEN.html.

⁷³ Is-Sentenzi tal-Kawża C-623/17, *Privacy International* u l-Kawżi Konġunti C-511/18, C-512/18 u C-520/18 *La Quadrature du Net a.o.* tas-6 ta' Ottubru/October 2020 u l-Kawża C-746/18 *H.K. v Prokuratuur* tat-2 ta' Marzu 2021.

prosekuzzjoni tal-kriminalità⁷⁴. Il-Kummissjoni se tanalizza u tiddeskrivi approċċi u soluzzjonijiet possibbli, f'konformità mas-sentenzi tal-Qorti, li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġudikatura b'mod li jkun utli mil-lat operattiv, teknikament possibbli u legalment sod, inkluż billi jiġu rrispettati għalkollox id-drittijiet fundamentali. Hija ser tikkonsulta lill-Istati Membri qabel l-aħħar ta' Ġunju 2021 bil-ħsieb li tfassal it-triq' il quddiem.

Rispons effettiv tal-infurzar tal-liġi jeħtieġ ukoll aċċess f'waqtu għal evidenza diġitali meta jkun fil-pussess ta' fornituri f'ġurisdizzjoni differenti. Fl-2018, il-Kummissjoni pproponiet **il-pakkett dwar l-evidenza elettronika** biex tiffaċilita l-aċċess għall-evidenza elettronika bejn il-fruntieri abbażi tal-Ordnijiet Ewropej ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill issa qed jimpenjaw ruħhom f'diskussjonijiet interistituzzjonali, appoġġati mill-Kummissjoni, biex isibu l-bażi komuni meħtieġa li twassal għall-adozzjoni rapida ta' dawn il-proposti. Barra minn hekk, bħala parti mill-isforzi biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-infurzar tal-liġi u tal-ġudikatura⁷⁵, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jipparteċipaw fis-Sistema ta' Skambju Diġitali ta' Evidenza Elettronika (eEDES). B'mod parallel, huwa meħtieġ progress rapidu fin-negozjati internazzjonali multilaterali u bilaterali biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali u jiġu stabbiliti regoli kompatibbli fil-livell internazzjonali għall-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika⁷⁶.

Fid-dawl ta' attakki dejjem aktar fuq skala kbira, il-ġbir ta' evidenza elettronika malajr kemm jista' jkun u qabel ir-rimedju jibqa' essenzjali għal investigazzjonijiet ta' suċċess, li jiffaċilitaw id-deterrenza. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-infurzar tal-liġi u l-komunità taċ-ċibersigurtà jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw rispons kollettiv u komprensiv. Barra minn hekk, l-investigazzjonijiet jeħtieġu aċċess rapidu u affidabbli għad-*data* WHOIS, fost l-oħrajn biex jgħinu fl-identifikazzjoni ta' gruppi kriminali organizzati li regolarment jabbużaw mis-Sistema ta' Ismijiet ta' Dominji (DNS) u minn protokoll oħra tal-internet fiċ-ċiberattakki tagħhom jew għal reati oħra bħall-iscams jew it-tixrid ta' prodotti u servizzi illegali.

Il-kriptaġġ huwa essenzjali għad-dinja diġitali, biex jiġu żgurati s-sistemi u t-tranżazzjonijiet diġitali kif ukoll biex jiġu protetti għadd ta' drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà tal-espressjoni, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*.⁷⁷ Madankollu, meta l-kriptaġġ jintuża għal finijiet kriminali, huwa jaħbi l-identità tal-kriminali kif ukoll il-kontenut tal-komunikazzjonijiet tagħhom. Fil-11-il rapport ta' progress tagħha lejn Unjoni tas-Sigurtà

⁷⁴ Il-Qorti ppermettiet b'mod partikolari ż-żamma ġenerali u mingħajr distinzjoni tal-identità ċivili tal-utenti għall-fini tal-ġlieda kontra r-reati kollha, u ż-żamma ġenerali u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP assenjati lis-sors ta' konnessjoni tal-Internet għall-fini tal-ġlieda kontra reati serji. Ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa bbażat fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fuq l-analiżi tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-interferenza f'dawk id-drittijiet.

⁷⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja fl-Unjoni Ewropea: Sett ta' għodod ta' opportunitajiet, COM(2020) 710 final, 2.12.2020.

⁷⁶ B'mod partikolari, it-Tieni Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni ta' "Budapest" tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità u ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika.

⁷⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020) 605 final, 24.7.2020; Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Ewwel Rapport ta' Progress rigward l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020) 797 final, 9.12.2020.

effettiva u ġenwina⁷⁸, il-Kummissjoni pproponiet sett ta' sitt miżuri prattiċi biex jappoġġaw l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura meta jiltaqġu ma' kriptaġġ ta' *data* maħżuna fuq apparati (bħal telefowns jew hard drives) f'investigazzjonijiet kriminali mingħajr ma jipprojbixxu, jillimitaw jew idgħajfu l-kriptaġġ. Bħala parti minn dawn il-miżuri, il-faċilità l-ġdida ta' dekriptaġġ tal-Europol immedija mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020 se tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. Ġew żviluppati moduli ta' taħriġ u nġataw korsijiet pilota mill-Grupp Ewropew għat-Taħriġ u l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità (ECTEG), iffinanzjati permezz tal-Fond għas-Sigurtà Interna — Pulizija. Dawn il-korsijiet se jidhru fl-offerta ta' taħriġ regolari tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL).

Lil hinn mill-apparat tradizzjonali, qed jiżdied is-suq speċjalizzat għal apparati ta' komunikazzjoni kriptati, li huma akkwistati u użati wkoll minn gruppi ta' kriminalità organizzata. Kif muri mill-operazzjonijiet riċenti ta' Encrochat u Sky ECC, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE jeħtieġ li jiżviluppaw kontinwament il-kapaċità tagħhom li jitrattaw informazzjoni kriptata fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali, f'konformità mal-liġijiet applikabbli.

F'Diċembru 2020, il-Kunsill adotta riżoluzzjoni⁷⁹ li tappella għal diskussjoni attiva mal-industrija tat-teknoloġija u l-iżvilupp ta' qafas regolatorju adatt li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kompiti operattivi tagħhom b'mod effettiv filwaqt li jiġu protetti l-privatezza, id-drittijiet fundamentali u s-sigurtà tal-komunikazzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kunsill talab għat-titjib tal-koordinazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea. Kif diġà tħabbar fl-Aġenda Kontra t-Terroriżmu⁸⁰, il-Kummissjoni qed taħdem biex tidentifika soluzzjonijiet tekniċi, operazzjonali u legali biex tiżgura aċċess legali għal informazzjoni kriptata, filwaqt li żżomm l-effettività tal-kriptaġġ fil-protezzjoni tal-privatezza u s-sigurtà tal-komunikazzjonijiet.

Fl-2020, il-Kummissjoni, flimkien mal-industrija, l-esperti tal-kriptografija, il-membri tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet kompetenti, wettqet proċess espert biex tidentifika soluzzjonijiet tekniċi li jistgħu jgħinu lill-kumpaniji jidentifikaw speċifikament l-abbuż sesswali tat-tfal f'komunikazzjonijiet elettroniki kriptati minn tarf sa tarf. Il-Kummissjoni se tappoġġa r-riċerka biex tidentifika liema soluzzjonijiet tekniċi huma l-aktar fattibbli u jistgħu jiżdiedu u jiġu implimentati b'mod fattibbli mill-kumpaniji.

B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni se tidderiġi l-proċess biex jiġu analizzati mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-kapaċitajiet u l-approċċi eżistenti għal aċċess legali u mmirat għal informazzjoni kriptata fil-kuntest ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali. Dawn l-approċċi ma għandhomx jirriżultaw f'dgħufija ġenerali tal-kriptaġġ jew f'sorveljanza mingħajr distinzjoni. Din l-analiżi mhux biss se tiffoka fuq l-indirizzar tal-ostakoli attwali

⁷⁸ Il-ħdax-il rapport dwar il-progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, COM/2017/608 final, 18.10.2017.

⁷⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Kriptaġġ — Sigurtà permezz ta' kriptaġġ u sigurtà minkejja l-kriptaġġ, 13084/1/20 REV 1, 24.11.2020.

⁸⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Kontra t-Terroriżmu għall-UE: Antiċipazzjoni, Prevenzjoni, Protezzjoni, Rispons, COM(2020) 795 final, 9.12.2020.

iżda se tantiċipa wkoll l-evoluzzjoni probabbli tat-teknoloġiji ta' kriptaġġ u dekritaġġ, u l-kooperazzjoni meħtieġa mad-dinja akkademika u mas-settur privat għal dan il-għan. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed ittejjeb l-isforzi tagħha fil-qasam tal-istandardizzazzjoni biex iżżomm il-kapaċitajiet ta' interċezzjoni legali fil-kuntest tal-5G u lil hinn. Bħala riżultat ta' dan il-proċess, il-Kummissjoni se tissuġġerixxi **t-triq' il quddiem** fl-2022 biex tindirizza l-kwistjoni tal-aċċess legali u mmirat għal informazzjoni kriptata fil-kuntest ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali li għandhom ikunu bbażati fuq immappjar bir-reqqa ta' kif l-Istati Membri jitrattaw il-kriptaġġ flimkien ma' proċess b'diversi partijiet ikkonċernati biex jespjoraw u jivvalutaw l-għażliet konkreti (legali, etiċi u tekniċi).

4.2. Għodod u teknoloġiji effettivi

L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' sikwit ma jkollhomx il-mezzi biex jiksbu l-għodod it-tajba meħtieġa għat-twettiq ta' investigazzjonijiet diġitali. Aktar minn 80 % tad-delitti llum għandhom komponent diġitali; anki meta r-reati jitwettqu offline, kważi kull uffiċjal tal-infurzar tal-liġi u prosekutur jeħtieġ li jkun jaf il-punti bażiċi ta' kif tiġi investigata l-kriminalità online⁸¹. Biex jidentifikaw u jħarrku l-kriminalità organizzata, l-investigaturi jridu jidentifikaw attività online suspettuża, jitraċċaw il-muniti virtwali tat-tranżazzjonijiet kriminali, jifhmu x'sabu (id-data tista' tiġi kriptata jew trid titqiegħed f'kuntest ma' data oħra), jippreservaw id-data u jużawha bħala evidenza elettronika fil-qorti.

Hemm ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-kapaċità u l-kompetenzi tas-servizzi mhux speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni⁸². Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' għarfien espert fl-investigazzjonijiet diġitali f'oqsma speċifiċi bħall-forensika tal-Internet tal-Ogġetti⁸³. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura jeħtieġ li jżommu l-pass mat-teknoloġiji li qed jiżviluppaw b'rata mgħaġġla użati mill-kriminali u l-attivitajiet transfruntiera tagħhom. Dan jeħtieġ koordinazzjoni fl-iżvilupp ta' għodod u taħriġ, fost l-Istati Membri u bejn is-setturi, f'oqsma bħall-forensika diġitali, l-intelligence minn sorsi miftuħa, il-kriptovaluti, u l-investigazzjonijiet dwar id-darkweb, eż. biex jinkiseb aċċess għall-fora li jbigħu oġġetti u servizzi illegali u fejn possibbli, jitneħħew. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jużaw soluzzjonijiet tekniċi b'sors miftuħ minħabba nuqqas ta' għarfien dwar liema soluzzjonijiet ġew żviluppati u jinsabu disponibbli, differenzi fir-rekwiżiti u fil-livelli ta' għarfien espert, u nuqqas ta' appoġġ għal aktar żvilupp u manutenzjoni. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet u l-Istati Membri jgħib miegħu riskji ta' duplikazzjoni tal-inizjattivi. Il-mekkaniżmi eżistenti tal-UE (l-EMPACT, l-Aġenziji tal-UE bħall-Europol, is-CEPOL u l-Eurojust, in-networks ta' prattikanti, il-programmi ta' finanzjament bħall-Fond għas-Sigurtà Interna) jista' jkollhom rwol ewlieni fit-trawwim ta'

⁸¹ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni — Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordinijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini tal-ġbir tal-evidenza fi proċedimenti kriminali, SWD/2018/118 final, 17.4.2018.

⁸² Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Niżguraw il-ġustizzja fl-UE — Strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021–2024, COM (2020) 713 final, 2.12.2020, li tenfasizza l-ħtieġa li l-professjonisti jkunu jistgħu jindirizzaw sfidi ġodda.

⁸³ Analiżi forensika ta' apparati konnessi u data marbuta mas-sistemi tal-IoT.

approċċ aktar effettiv fl-investigazzjonijiet online, permezz ta' azzjonijiet koordinati u mmirati sew biex jiġu żviluppati kapaċitajiet u kompetenzi.

Il-ħtiġijiet tal-investigaturi online għandhom jiġu identifikati b'mod affidabbli. Jenħtieġ li l-Europol, f'konformità mal-mandat tiegħu, flimkien maċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-sigurtà⁸⁴ jikkordinaw **analiżi komprensiva tal-lakuni u l-ħtiġijiet teknoloġiċi fil-qasam tal-investigazzjoni diġitali**, kif ukoll analiżi ta' prospettiva, li hija strumentali fit-tmexxija tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-programmi ta' żvilupp u l-istrumenti ta' politika li jikkontribwixxu għall-bini tal-kapaċità. Huwa importanti li l-entitajiet u n-networks rilevanti⁸⁵ jappoġġaw din il-ħidma. Fuq din il-bażi, jenħtieġ li l-Europol u ċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-sigurtà jistabbilixxu prijoritajiet għar-riċerka u l-iżvilupp li għandhom jiġu vvalidati mill-Istati Membri⁸⁶. Biex tipprowdi viżjoni ċara ta' mekkaniżmi prattiċi fis-seħħ u tar-riżorsi disponibbli biex jappoġġaw il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-investigazzjonijiet diġitali, u biex tiċċara r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-entitajiet involuti, il-Kummissjoni se tikkonsulta lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati oħra sa tmiem l-2021, u se ssegwi kif meħtieġ.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma meħtieġa, kemm għat-teknoloġiji għall-investigazzjonijiet kif ukoll għall-ġlieda kontra l-kriminalità ffaċilitata mit-teknoloġija. Il-programm tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020, iffinanzja l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Din il-ħidma se tkompli tissaħħaħ bil-programm il-ġdid Orizzont Ewropa li se jifinanzja proġetti ta' riċerka biex tittejjeb l-istampa tal-intelligence dwar il-kriminalità organizzata, jiġu żviluppati għodod u kurrikuli ta' taħriġ, u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji.

Il-Kummissjoni se tiffaċilita **l-aċċess għal settijiet ta' data ta' kwalità għolja meħtieġa biex jiġu żviluppati għodod investigattivi** inkluża l-intelliġenza artifiċjali li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi f'investigazzjonijiet kriminali, bħal pereżempju għall-analiżi ta' kwantitajiet kbar ta' data jew għal investigazzjonijiet tad-darknet. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tappoġġa, taħt il-programm DIGITAL, il-ħolqien ta' spazju Ewropew ta' data dwar is-sigurtà⁸⁷ li se jkun kruċjali għall-iżvilupp, it-taħriġ u l-evalwazzjoni ta' għodod

⁸⁴ Iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna huwa network kollaborattiv biex jappoġġa l-laboratorji tal-innovazzjoni tal-Aġenziji tal-UE, tal-Istati Membri, taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea u ta' entitajiet rilevanti oħra fit-twassil ta' prodotti innovattivi mill-aktar avvanzati.

⁸⁵ ENFSI, ENLETS, i-LEAD, ILEAnet.

⁸⁶ Il-Bord tal-Approvazzjoni tal-Europol u l-EUCTF (it-Task Force tal-UE dwar iċ-Ċiberkriminalità, il-grupp li jiġbor il-kapijiet tal-unitajiet taċ-ċiberkriminalità fl-LEAs tal-UE) ikunu l-formati tal-għażla għall-konsultazzjoni tal-Istati Membri.

⁸⁷ Fil-programm ta' Ħidma 2021–2022 tad-DIGITAL, hemm azzjoni biex jiġi stabbilit il-qafas ta' arkitettura tad-data federata għall-innovazzjoni fil-qasam tas-sigurtà billi jiġi ffinanzjat il-ħolqien tal-komponenti nazzjonali ta' Spazju Ewropew tad-Data dwar is-Sigurtà għall-Innovazzjoni. Dan ikun jippermetti l-innovazzjoni u l-iżvilupp billi tiġi stabbilita ekosistema mifruxa mal-UE kollha għall-kondiviżjoni, l-iżvilupp, l-ittestjar, it-taħriġ u l-validazzjoni ta' algoritmi għal għodod tal-IA għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi u ta' sigurtà bbażati fuq diversi tipi differenti ta' settijiet tad-data, inklużi settijiet tad-data operazzjonali u anonimizzati psewdo, f'konformità mal-istrateġija Ewropea għad-data (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Ewropea għad-data, COM/2020/66 final, 19.2.2020). Fl-ewwel kwart tal-2022 se titnieda sejħa għal proposti għall-parteciżzjoni ta'

għall-infurzar tal-liġi u li se jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropea għad-*data* filwaqt li jirrispetta għalkollox id-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri fir-rigward ta' proġetti pilota dwar soluzzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali⁸⁸ li jgħinu biex titrawwem l-adozzjoni tal-innovazzjoni mill-komunità tal-infurzar tal-liġi. L-infurzar tal-liġi, l-industrija u d-dinja akkademika jenħtieġ li jikkooperaw f'network appoġġat minn finanzjament tal-UE **biex jiżviluppaw għodod u soluzzjonijiet fil-livell tal-UE li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE**⁸⁹, u b'hekk jappoġġaw il-ħidma tal-Europol fl-għoti ta' servizzi u soluzzjonijiet tekniċi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE. Jenħtieġ li dan in-network jiżgura s-sostenibbiltà tal-proġetti ta' Orizzont Ewropa u tal-Fond għas-Sigurtà Interna u jappoġġa lill-Europol f'dan l-isforz.

Jenħtieġ li n-network jagħti r-riżultati tiegħu permezz tal-Europol lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, mingħajr ħlas, u li jtejjeb kontinwament is-soluzzjonijiet eżistenti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Europol isir il-punt uniku ta' servizz biex jipprovdi aċċess għall-għodod u għas-servizzi, bħall-analiżi tal-malwer, lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi.

4.3. It-titjib tal-aċċess għall-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenzi operazzjonali

Filwaqt li r-riċerka u l-analiżi tal-evidenza diġitali jinsabu fil-qalba tal-maġġoranza tal-investigazzjonijiet, il-livell tal-ħiliet meħtieġa fil-qasam tal-proċedura kriminali, tat-tattiki u t-tekniki għall-investigazzjoni diġitali jew il-forensika diġitali għadu mhux disponibbli f'xi Stati Membri u fil-biċċa l-kbira jeħtieġ li jitwessa' u li jiġi approfondit. Barra minn hekk, l-aċċess għall-għarfien espert operazzjonali mill-aktar avvanzat f'oqsma speċifiċi bħall-forensika tal-Internet tal-Oġġetti għadu problema għal għadd ta' Stati Membri.

Jenħtieġ li l-iżvilupp tat-taħriġ ikun ibbażat fuq definizzjoni tal-kompetenzi meħtieġa biex jitwettqu l-investigazzjonijiet diġitali u l-profilu professjonali assoċjati (eż. analista tad-*data*, investigatur online, jew espert forensiku diġitali). Għal dan il-għan, il-Europol u s-CEPOL għandhom jaħdmu mal-Istati Membri⁹⁰ biex jiddefinixxu u jaġġornaw perġodikament **“Qafas dwar il-Kompetenzi fit-Taħriġ”**. Abbażi ta' dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' materjali ta' taħriġ, permezz tal-Grupp Ewropew ta' Taħriġ u Edukazzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità (ECTEG) u tappoġġa l-għoti ta' taħriġ fil-livell nazzjonali permezz tal-istrumenti disponibbli⁹¹.

Is-CEPOL u n-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) jenħtieġ li jivvalutaw b'mod regolari l-ħtiġijiet ta' taħriġ u jagħtu prijorità lit-twassil tat-taħriġ kif xieraq, anki bil-ħsieb li

mill-inqas sitt aġenziji tal-infurzar tal-liġi u żewġ negozji fil-valur ta' EUR 5–10 miljun fil-forma ta' għotja li teħtieġ kofinanzjament ta' 50 %.

⁸⁸ F'konformità mal-inizjattiva dwar l-intelliġenza artifiċjali ppreżentata mill-Kummissjoni fil-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, COM (2020) 65 final, 19.2.2020.

⁸⁹ Għal dan il-għan, il-Kummissjoni Ewropea qed tiffinanzja pereżempju l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Iżvilupp tat-Teknoloġija Kontra iċ-Ċiberkriminalità (<https://www.eactda.eu/>) taħt il-Programm ta' Ħidma Annwali 2020 tal-Fond għas-Sigurtà Interna (Pulizija).

⁹⁰ Fil-qafas tat-Task Force tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċiberkriminalità (EUCTF), li ġiet stabbilita fl-2010, li tinkludi l-Kapijiet tal-Unitajiet Nazzjonali ta' iċ-Ċiberkriminalità mid-diversi Stati Membri kif ukoll rappreżentanti mill-Europol, il-Kummissjoni Ewropea u l-Eurojust. <https://www.europol.europa.eu/about-europol/european-cybercrime-centre-ec3/euctf>.

⁹¹ Bħal, pereżempju, permezz tal-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.

tiġi żviluppata aktar il-kompetenza diġitali ġenerali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji. Abbażi tal-Qafas ta' Kompetenzi fit-Taħriġ, jenħtieġ li s-CEPOL jaħdem ukoll mill-qrib mal-prattikanti⁹² u mal-Istati Membri biex johlq **skemi ta' ċertifikazzjoni/akkreditazzjoni għall-esperti tal-investigazzjonijiet diġitali**. Skemi bħal dawn (1) iżidu l-għadd ta' esperti li kapaċi jagħtu taħriġ f'oqsma speċifiċi; (2) jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera, billi ċ-ċertifikazzjoni/l-akkreditazzjoni ttipprovdi assigurazzjonijiet rigward il-ġbir u t-trattament tal-evidenza, filwaqt li tiżgura l-ammissibbiltà tagħha fil-qorti anki f'ġurisdizzjonijiet oħra; u (3) jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' investigaturi speċjalizzati.

L-investigazzjonijiet diġitali jistgħu jirrikjedu għarfien espert li huwa skars fl-UE, bħal dwar il-kriptoaluti, dwar ir-ransomware⁹³ jew l-investigazzjonijiet tad-darkweb. Jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw esperti li żviluppaw ħliet mill-aktar avvanzati f'dawn l-oqsma biex jappoġġaw lil xulxin fl-operazzjonijiet fejn tali kompetenza tkun meħtieġa. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Europol fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi li jiżguraw li l-awtoritajiet u l-esperti tal-Istati Membri jkollhom inċentivi xierqa biex ikunu parti minn grupp ta' esperti.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tanalizza u tiddeskrivi l-approċċi u s-soluzzjonijiet possibbli dwar **iż-żamma tad-data** għall-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura u se tikkonsulta lill-Istati Membri dwar dawn sal-aħħar ta' Ġunju 2021;
- Tipproponi triq 'il quddiem biex jiġi indirizzat l-aċċess legali u mmirat mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal **informazzjoni kriptata** fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali. Jenħtieġ li dan l-approċċ ikun ibbażat fuq immappjar bir-reqqa ta' kif l-istati membri jittrattaw il-kriptaġġ u fuq proċess b'diversi partijiet ikkonċernati biex jiġu esplorati u vvalutati l-għażliet legali konkreti;
- Tħeġġeġ u tiffaċilita l-parteċipazzjoni sħiħa u rapida **tal-Istati Membri fis-Sistema ta' Skambju Diġitali tal-Evidenza Elettronika (e-EDES)**;
- Tiżviluppa, permezz taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tiegħu, għodda ta' monitoraġġ biex tiġbor l-intelligence dwar l-attivitajiet illegali li qed jiżviluppaw fid-**Darknet**;
- Tappoġġa l-**iżvilupp ta' moduli u materjali ta' taħriġ** u t-twassil tat-taħriġ mis-CEPOL, l-EJTN u l-istituzzjonijiet nazzjonali tat-taħriġ;

L-Europol huwa mħeġġeġ biex:

- Jikkoordina **analiżi komprensiva** tal-lakuni u l-ħtiġijiet teknoloġiċi fil-qasam tal-investigazzjoni diġitali;

⁹² Il-Grupp Ewropew għat-Taħriġ u l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità (ECTEG) diġà żviluppa ħidma sostanzjali dwar is-suġġett, fil-qafas tal-Proġett Globali tiegħu għaċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċiberkriminalità (<https://www.ecteg.eu/running/gcc/>).

⁹³ L-Europol haġem mal-industrija biex jistabbilixxi l-Proġett No More Ransom (<https://www.nomoreransom.org/>), li jipprovdi pariri dwar il-prevenzjoni u l-għodod ta' dekritagg.

- Joħloq **repożitorju għall-għodod**, li jippermetti l-infurzar tal-liġi jidentifika u jaċċessa soluzzjonijiet tal-ogħla livell;
- Joħloq u jżomm bażi ta' *data* ta' **esperti fl-investigazzjonijiet u l-forensika** f'oqsma speċjalizzati bħall-Internet tal-Oġġetti jew il-kriptovaluti.

Is-CEPOL huwa mħeġġeġ biex:

- Joħloq **skemi ta' ċertifikazzjoni/akkreditazzjoni** għall-esperti tal-investigazzjoni diġitali;
- Jipprovdi u jaġġorna regolarment **Qafas ta' Kompetenzi għat-Taħriġ**, flimkien mal-Europol.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mħeġġa biex:

- Jadottaw b'mod urġenti l-proposti dwar l-evidenza elettronika biex jiżguraw aċċess rapidu u affidabbli għall-**evidenza elettronika** għall-awtoritajiet.

Konklużjoni

Din l-Istrateġija tistabbilixxi l-prijoritajiet, l-azzjonijiet u l-miri li għandhom jintlaħqu fil-ħames snin li ġejjin biex l-UE titqiegħed fuq bażi aktar b'saħħitha fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Madankollu, il-fenomeni kriminali qed jevolvi b'mod kostanti u huwa essenzjali li jiġu identifikati xejriet ġodda u li jkun hemm reazzjoni rapida għall-iżviluppi l-ġodda. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jridu jżommu pożizzjoni ta' vantaġġ fil-konfront tal-organizzazzjonijiet kriminali.

Għalhekk wasal iż-żmien li tiġi intensifikata l-azzjoni kollettiva tal-Unjoni kontra l-kriminalità organizzata, billi jissaħħu l-istrumenti eżistenti biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni transfruntiera, inkluża l-kooperazzjoni permezz tal-aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, jiġu indirizzati r-reati ta' prijetà għolja u jiġu sfrattati l-istrutturi warajhom, jitnaqqsu l-finanzi kriminali u l-metodi korrotti tagħhom biex tiġi infiltrata l-ekonomija u jiġi indirizzat l-użu mill-kriminali ta' teknoloġiji ġodda. Kull leġislazzjoni tkun adegwata biss jekk din tiġi implimentata. Għalhekk, huwa importanti li l-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ u korrett l-istrumenti eżistenti tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli taqdi r-rwol tagħha; se tappoġġa u tagħti gwida kontinwa lill-Istati Membri u se tkun lesta li tiegħu azzjoni rapida jekk tinkiser il-liġi tal-UE.

L-awtoritajiet fuq il-post għandhom ikunu jistgħu jużaw l-għodod eżistenti sal-potenzjal sħiħ tagħhom sabiex ifixxlu l-attivitajiet kriminali u l-mudell kummerċjali tal-organizzazzjonijiet kriminali. Biex jintlaħaq dan l-oġettiv, il-miżuri taħt din l-istrateġija jridu jkunu akkumpanjati minn kultura ġdida li fiha l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u daww gudiżzarji jivverifikaw sistematikament ir-rabtiet transfruntiera u internazzjonali possibbli matul l-investigazzjonijiet dwar każijiet ta' kriminalità organizzata. L-iskambju ta' uffċjali tal-

infurzar tal-liġi, prosekuturi u mħallfin, inkluż ma' pajjiżi terzi kif ukoll opportunitajiet ta' taħriġ ulterjuri jistgħu jgħinu biex dan iseħħ.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tagħmel il-parti tagħha f'dan l-isforz imġedded kontra l-kriminalità organizzata u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jimpenjaw ruħhom f'dan l-isforz komuni, li huwa essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà fl-UE, biex tiġi protetta l-ekonomija Ewropea u biex jiġu salvagwardjati l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.